# QORTI KOSTITUZZJONALI

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI**
**ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMHALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 12 ta' Lulju 2019**

**Numru 22**

**Rikors numru 78/13 JRM**

**Lawrence Grech u martu Susan Grech u uliedhom Alison Grech, Brenda Lee Grech u Jacob Grech; u b'digriet tat-30 ta' Dicembru 2015, l-atti tal-kawza ghaddew fil-persuna tar-rikorrenti Susan Grech minhabba l-mewt tar-rikorrent Lawrence Grech fil-mori tal-kawza**

**v.**

**Tabib Principali tal-Gvern (Sahha Pubblika); il-Kummissarju tal-Pulizija, Awtorita` dwar is-Sahha u s-Sigurta` fuq il-Post tax-Xoghol; u l-Avukat Generali**

Preliminari

1. Dan huwa appell maghmul mir-rikorrenti Susan Grech mart il-mejjet Lawrence Grech flimkien ma' uliedhom Alison Grech, Brenda Lee Grech u Jacob Grech [ir-rikorrenti], mis-sentenza moghtija fit-8 ta'

Novembru 2018, [is-sentenza appellata] mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kompetenza kostituzzjonali taghha [l-ewwel Qorti], li permezz taghha dik il-Qorti ddecidiet il-kawza billi qalet kif gej:

> "Tastjeni milli tqis aktar l-azzjoni attrici fil-konfront tal-Awtorita` intimata, ladarba r-rikorrenti cedew l-atti tal-kawza kontra taghha;
>
> "Tehles lill-intimat Kummissarju tal-Pulizija mill-harsien tal-Gudizzju, billi ma huwiex il-kontradittur legittimu tal-azzjoni attrici,bi spejjez ghar-rikorrenti;
>
> "Tichad l-eccezzjoni ulterjuri mressqa mill-intimati billi ssib li l-interess guridku baqa' attwali u bla mittiefes matul iz-zmien kollu li baqghet tinstema' l-kawza;
>
> "Tilqa' l-ewwel talba attrici u ssib li r-rikorrenti garrbu ksur tal-jedd ghall-harsien tal-hajja tal-persuna tar-rikorrent Lawrence Grech u li hajtu ma titqieghedx f'periklu bla bzonn, ghall-finijiet tal-artikolu 33 tal-Kostituzzjoni u tal-artikolu 2 tal-Konvenzjoni;
>
> "Tichad it-tieni talba attrici billi ma ntweriex li r-rikorrenti jew xi hadd minnhom inghata xi trattament inuman jew degradanti;
>
> "Tastjeni milli tqis it-tielet u r-raba' talbiet attrici billi dawn jingabru taht il-kunsiderazzjonijiet maghmulin fl-ewwel talba;
>
> "Tilqa' l-hames talba u tillikwida s-somma ta' tletin elf euro (€30,000) bhala kumpens mhux pekunjarju ghar-rikorrenti lkoll flimkien u f'ishma ndaqs ghall-ksur imgarrab minnhom kif fuq inghad, liema hlas ghandu jsir lilhom mill-intimati Tabib Principali (Sahha Pubblika) u l-Avukat Generali, flimkien u solidalment bejniethom;
>
> "Tichad is-sitt talba attrici billi ma jirrizultax li r-rikorrent temm l-impieg tieghu qabel il-waqt minhabba l-marda li hakmitu;
>
> "Tichad is-seba' talba attrici billi din hija konsegwenzjali ghat-talba ta' qabilha; u
>
> "Tordna li l-intimati Tabib Principali (Sahha Pubblika) u l-Avukat Generali jhallsu flimkien u solidalment bejniethom l-ispejjez tal-kawza marbutin mal-ewwel u mal-hames talbiet attrici u kif ukoll dawk marbuta mal-eccezzjonijiet michuda, filwaqt li r-rikorrenti jhallsu l-ispejjez marbuta mal-intimati Kummissarju tal-Pulizija u l-Awtorita` dwar is-Sahha u s-Sigurta` fuq il-Post tax-Xoghol; l-ispejjez tas-sentenza preliminari jithallsu kif ordnat mill-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza taghha tad-29 ta' Mejju, 2015."

Fatti

2. Il-proceduri odjerni jirrigwardaw ilment ta’ ksur tal-jeddijiet fundamentali (a) tal-protezzjoni tal-hajja u li dik il-hajja ma titqieghedx f’periklu bla bzonn; (b) li wiehed ma jigix issoggettat ghal trattament inuman u degradanti; u (c) ghar-rispett tal-hajja privata u tal-familja. Ir-rikorrenti Lawrence Grech li miet fil-mori tal-kawza, kien dahal jahdem l-ewwel bhala *apprentice* [1] mal-Malta Drydocks fis-sena 1974 u sussegwentement *full-time* bhala *labourer* imbaghad bhala *pattern maker* bejn is-snin 1976 u 2008. Wara s-sena 2008 huwa impjega ruhu mas-socjeta` Shaker Ltd. Izda wara xi xahrejn, hu beda jahdem ghal rasu bhala mastrudaxxa[2]. Waqt l-impjieg tieghu mal-Malta Drydocks, hu kien gie espost ghall-materjal maghruf bhala *asbestos* u wara li kien gie riferut l-Isptar Mater Dei mit-tabib tieghu f’Jannar 2013, gie kostatat li kien qed ibati minn marda tal-kancer maghrufa bhala *Mesothelioma*. Hu miet kwazi sentejn wara fl-Isptar Mater Dei fis-27 ta’ Dicembru 2014 kawza ta’ *Mesothelioma with Metastasis*[3].

Mertu

---

[1] Affidavit a fol. 34.
[2] Dok. CI a fol. 19.
[3] Dok. A a fol. 126.

3. Ir-rikorrenti fethu dawn l-proceduri fis-7 ta' Ottubru 2013 permezz ta' rikors biex jiksbu dikjarazzjoni illi d-drittijiet fundamentali taghhom taht l-Artikoli 2, 3 u l-8 tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet Tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali [il-Konvenzjoni] u tal-Artikoli 33 u 36 tal-Kostituzzjoni ta' Malta [il-Kostituzzjoni], gew lezi meta l-espozizzjoni ghal zmien twil ghal ammonti kopjuzi ta' asbestos fil-kors tal-impjieg tieghu mal-Malta Drydocks wasslet lill-imsemmi Lawrence Grech ghall-mewt kagun ta' *Mesothelioma*. Fir-rikors promotur taghhom ir-rikorrenti ghamlu s-segwenti talbiet lil Qorti li huma relevanti ghall-appell odjern:-

> "5. Tikkwantifika kumpens xieraq bhala rimedju ghal ksur tad-drittijiet fuq indikati jew liema minnhom, tillikwida dan l-ammont, u tordna li dan ir-rimedju pekunjarju jithallas lir-rikorrenti min dak jew dawk responsabbli fost il-konvenuti;
>
> "…
>
> "7. Tillikwida somma bhala rizarciment ghat telf ikkagunat minhabba l-irtirar mix-xoghol qabel iz-zmien tal-esponent Lawrence Grech u tordna dawk responsabbli jhallsu tali somma lill-istess Lawrence Grech."

4. Fir-risposta taghhomipprezentata fil-25 ta' Ottubru 2013, l-intimati t-Tabib Principali tal-Gvern (Sahha Pubblika), il-Kummissarju tal-Pulizija, u l-Avukat Generali, ressqu diversi eccezzjonijiet ta' natura preliminari u fil-mertu sostnew li ma kien hemm l-ebda ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti u ghalhekk it-talbiet taghhom kellhom jigu michuda bl-ispejjez.

5. L-Awtorita` dwar is-Sahha u s-Sigurta` fuq il-Post tax-Xoghol ipprezentat ir-risposta taghha fit-28 ta' Ottubru 2013, fejn hi wkoll ressqet diversi eccezzjonijiet ta' natura preliminari u ssottomettiet li ma kien hemm l-ebda ksur tal-jeddijiet fundamentali tar-rikorrenti kif allegat minnhom u li l-ilmenti taghhom ghalhekk kienu nfondati fil-fatt u fid-dritt u kellhom jigu michuda bl-ispejjez.

6. Fiz-zewg risposti rispettivi gie eccepit li (a) ir-rikorrenti Susan Grech u uliedha Alison, Brenda Lee u Jacob, ahwa Grech ma kinux jikkwalifikaw bhala "vittmi" ghall-finijiet tal-Artikolu 34 tal-Konvenzjoni; u (b) ir-rikorrent Lawrence Grech kien naqas li jezawrixxi r-rimedji gudizzjarji ordinarji dwar il-pretensjoni tieghu ghall-hlas ta' kumpens. L-ewwel Qorti permezz tas-sentenza preliminari taghha tal-15 ta' April 2014, filwaqt li ddecidiet li l-ewwel wahda minn dawn iz-zewg eccezzjonijiet preliminari ma kinitx tajba u ghalhekk cahditha, sabet ragunijiet bizzejjed u xierqa sabiex tilqa' t-tieni eccezzjoni u b'hekk laqghet l-istedina tal-intimati sabiex taghzel li ma twettaqx is-setghat kostituzzjonali taghha li tisma' l-kawza skont il-*proviso* tal-Artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u l-*proviso* tal-Artikolu 4(2) tal-Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta' Malta.

7. Ir-rikorrenti appellaw minn din is-sentenza permezz ta' rikors ta' appell intavolat fil-5 ta' Mejju 2014, filwaqt ukoll li l-intimati t-Tabib

Principali tal-Gvern (Sahha Pubblika), il-Kummissarju tal-Pulizija u l-Avukat Generali appellaw incidentalment fil-15 ta' Mejju 2014. L-appelli rispettivi taghhom gew decizi minn din il-Qorti fis-sentenza moghtija fid-29 ta' Mejju 2015 fejn, filwaqt li gie michud l-appell incidentali, intlaqa' l-appell tar-rikorrenti, u l-atti gew mibghuta lura lill-ewwel Qorti sabiex tkompli bis-smigh tal-kawza.

8. Fil-frattemp miet ir-rikorrent Lawrence Grech u, wara rikors maghmul mir-rikorrenti l-ohra fit-30 ta' Dicembru 2015, l-ewwel Qorti permezz tad-digriet taghha tat-8 ta' Jannar 2016 ordnat li l-atti tal-kawza jghaddu fuq martu r-rikorrenti Susan Grech li hi l-werrieta tieghu.

Is-Sentenza Appellata

9. L-ewwel Qorti waslet ghad-decizjoni taghha permezz tas-sentenza taghha tat-8 ta' Novembru 2018, wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet li qed jigu riprodotti testwalment:-

> "Illi din hija azzjoni dwar ilment ta' ksur ta' għadd ta' jeddijiet fundamentali. Ir-rikorrenti huma familja: ir-rikorrent Lawrence Grech kien jaħdem fit-Tarzna ta' Malta u, wara li ntemm l-impieg tiegħu, sar jaf li hu marid b'kanċer ("*malignant mesothelioma*"). Ir-rikorrenti jgħidu li dan ġarrbu minħabba li kien espost għall-*asbestos* waqt il-qadi ta' xogħlu fit-tarzna. Jgħidu li, minħabba li l-awtoritajiet naqsu li jagħtu lir-rikorrent Lawrence Grech ħarsien u tagħrif f'waqtu biex jilqa' għall-ħsara li ġġib l-espożizzjoni tal-*asbestos*, ġarrab l-imsemmija marda li ġabitlu ħsara li ma tgħaddix u li laqtitlu b'mod sħiħ, qawwi u effettiv il-kwalita` ta' ħajjet ir-rikorrenti kollha, u mhux biss tal-vittma diretta Lawrence Grech. Għalhekk, qegħdin jitolbu li l-Qorti ssib li huma lkoll ġarrbu ksur tal-jeddijiet fundamentali tagħhom dwar ħarsien għal ħajja

u ħarsien li ħajjithom ma titqegħidx f'periklu, dwar ħarsien minn trattament disuman jew degradanti, u dwar il-jedd tagħhom għar-rispett tal-ħajja privata tagħhom u tal-familja. Jitolbu r-rimedju xieraq tal-kumpens u l-likwidazzjoni tad-danni minħabba t-temm qabel waqtu mill-impieg tar-rikorrent Lawrence Grech;

"Illi l-intimati Tabib Prinċipali (Saħħa Pubblika), Kummissarju tal-Pulizija u Avukat Ġenerali laqgħu għall-azzjoni tar-rikorrenti billi, b'mod preliminari, qalu li (a) r-rikorrenti Susan Grech u wliedha Alison, Brenda Lee u Jacob, aħwa Grech mhumiex attivament leġittimati biex iressqu din il-kawża għaliex ħadd minnhom ma kien personalment il-vittma tal-ksur tal-jeddijiet minnhom imsemmija fir-rikors promotur; li, (b) fid-dawl tal-pretensjonijiet għall-ħlas ta' kumpens, ir-rikorrenti Lawrence Grech naqas li jdur għar-rimedji ġudizzjarji ordinarji qabel fetaħ din il-kawża ta' ksur ta' jeddijiet fundamentali, u għalhekk din il-Qorti jmissha tqis li tagħżel li ma twettaqx is-setgħat tagħha li tisma' din il-kawża, għall-finijiet tal-*proviso* tal-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u tal-*proviso* tal-artikolu 4(2) tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta; li (ċ) l-ebda wieħed mit-tliet intimati eċċipjenti ma huwa l-leġittimu kontradittur tal-azzjoni tar-rikorrenti, ladarba l-ebda wieħed minnhom ma qiegħed lir-rikorrent Lawrence Grech f'kuntatt mal-*asbestos* jew ma kellu xi responsabbiltà għall-iżvilupp jew it-twettiq tal-istrateġija biex tittejjeb u titmexxa 'l quddiem is-saħħa pubblika, filwaqt li l-Kapitolu 466 tal-Liġijiet ta' Malta jirregola l-ħwejjeġ li għandhom x'jaqsmu mat-Tarzna ta' Malta; u (d) li għal dak li jirrigwarda l-allegat ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni, għall-finijiet tal-artikolu 7 tal-imsemmi Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta, l-azzjoni attriċi ma tistax tistħarreġ dak li ġara qabel it-30 ta' April, 1987. Fil-mertu, laqgħu billi qalu li r-rikorrenti jridu juru li r-rikorrent Lawrence Grech tassew kien espost għall-asbestos waqt il-qadi tax-xogħol tiegħu u li kien minħabba f'hekk li ntlaqat mill-marda terminali tiegħu u mhux minħabba ċirkostanzi oħrajn li ma għandhomx x'jaqsmu max-xogħol tiegħu. Huma jiċħdu li bil-ħsieb b'xi mod qiegħdu l-ħajja tar-rikorrenti f'periklu jew ċaħħduhom mill-jedd għal ħajjithom u għalhekk jisħqu li, safejn l-azzjoni attriċi tintrabat ma' ksur tal-artikolu 33 tal-Kostituzzjoni jew l-artikolu 2 tal-Konvenzjoni, it-talbiet attriċi ma għandhomx jintlaqgħu. Bl-istess mod, jiċħdu li huma taw xi trattament inuman jew degradanti lir-rikorrenti jew lil min minnhom, u dan safejn l-azzjoni attriċi hija msejsa fuq ksur tal-artikolu 36 tal-Kostituzzjoni jew tal-artikolu 3 tal-Konvenzjoni. Dwar l-ilment tar-rikorrenti li ċ-ċirkostanzi tal-kundizzjoni tar-rikorrent Lawrence Grech ġabitilhom ksur tal-jedd tagħhom għall-privatezza u t-tgawdija tal-familja skond l-artikolu 8 tal-Konvenzjoni, l-intimati jgħidu li lanqas ir-rikors promotur ma jgħid kif inhu li l-intimati b'xi mod indaħlu fil-ħajja privata jew familjari tr-rikorrenti u l-istess intimati jiċħdu li qatt indaħlu għaliex lir-rikorrenti lanqas biss jafuhom u l-fatt li r-rikorrent Lawrence Grech intlaqat minn marda terminali ma jfissirx li kien hemm indħil fil-ħajja privata tiegħu min-naħa tagħhom. Temmew jgħidu li, min-naħa tiegħu, il-Gvern Malti ħa l-miżuri kollha meħtieġa, magħduda bdil fil-liġi, biex jindirizza l-problema tal-asbestos kanċeroġinu fit-tarzna u t-

tmexxija tat-tarzna ħadet miżuri minnufih biex tagħti lill-ħaddiema tagħha tagħmir protettiv biex jitħarsu mill-periklu. Wara li l-asbestos kien, għal bosta snin, meqjus bħala materjal imfittex mill-industrija fid-dinja kollha għall-kwalitajiet tiegħu biex jinsula, malli saret xjentifikament magħrufa l-ħsara li jagħmel għal saħħet il-bniedem, twaqqaf l-użu tiegħu u bil-mod il-mod tnedew miżuri biex in-nies jitħarsu mill-perikli li jġib miegħu jekk ikollhom kuntatt ma' dak il-materjal;

"Illi, min-naħa l-oħra, l-intimata Awtorità dwar is-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol laqgħet għall-azzjoni tar-rikorrenti billi, b'mod preliminari qalet li (a) mhijiex il-kontradittriċi leġittima tal-azzjoni billi hija ma tista' titqies responsabbli tal-ebda lment imressaq mir-rikorrenti, ma għandha l-ebda rabta ġuridika magħhom u lanqas biss tissemma f'xi parti mir-rikors promotur; (b) wħud mir-rikorrenti lanqas għandhom il-leġittimazzjoni attiva biex jiftħu u jmexxu 'l quddiem il-kawża billi ma jikkwalifikawx bħala "vittmi" għall-finijiet tal-artikolu 34 tal-Konvenzjoni; u (ċ) billi r-rikorrent Lawrence Grech naqas li jieħu r-rimedji ġudizzjarji ordinarji li jfittex għad-danni qabel ma fetaħ din il-kawża ta' rimedju partikolari, u għalhekk il-Qorti jmissha tqis jekk għandhiex twettaq is-setgħat tagħha, kif irid il-*proviso* tal-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u tal-artikolu 4(2) tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta. Fil-mertu, laqgħet billi qalet li r-rikorrenti ma ġarrbu l-ebda ksur tal-jeddijiet tagħhom skond l-artikolu 33 tal-Kostituzzjoni u lanqas skond l-artikolu 2 tal-Konvenzjoni safejn tidħol l-istess Awtorità billi hija ma għamlet xejn bil-ħsieb biex ir-rikorrent Lawrence Grech seta' għadda milli għadda billi tikkawżalu l-mewt jew li tqegħedlu ħajtu f'periklu. Bl-istess mod, tiċħad li r-rikorrenti ġarrbu ksur tal-jedd tagħhom taħt l-artikolu 36 tal-Kostituzzjoni jew l-artikolu 3 tal-Konvenzjoni b'xi għemil tagħha. Fl-aħħarnett, ċaħdet ukoll li hija b'xi mod ikkawżat ksur tal-jedd tar-rikorrenti taħt l-artikolu 8 tal-Konvenzjoni billi hija bl-ebda mod ma kellha xi rabta kuntrattwali jew mod ieħor li minħabba fiha esponiet lir-rikorrent Lawrence Grech għal xogħol f'ambjenti fejn hemm l-asbestos;

"Illi b'sentenza mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali fid-29 ta' Mejju, 2015 (li irriformat sentenza preliminari mogħtija minn din il-Qorti fil-15 ta' April, 2014) kienet maqtugħa l-kwestjoni marbuta mal-ewwel żewġ eċċezzjonijiet preliminari mqajma mill-intimati u t-tieni u t-tielet eċċezzjonijiet preliminari mqajma mill-Awtorità intimata;

"Illi, bħala <u>fatti rilevanti li joħorġu mill-atti tal-kawża</u> jirriżulta li r-rikorrent Lawrence Grech twieled f'Marzu tal-1957. Sa minn Novembru tal-1976 daħal jaħdem it-Tarzna ta' Malta, wara sentejn apprendistat[4], bħala "*labourer*" u, wara l-bdil li sar fl-2003, kien jaħdem ma' Malta Shipyards Limited bħala "*pattern maker*". L-impieg tiegħu ntemm f'Settembru tal-2008[5], meta l-azjenda bidlet l-idejn fil-proċess ta' privatizzazzjoni. Huwa kien talab biex jieħu sehem

[4] Ara affidavit tiegħu Dok "AFF2", f'paġ. 34 tal-proċess
[5] Ara Dok "C1", f'paġ. 19 tal-proċess

f'waħda mill-erba' (4) skemi ta' rtirar kmieni mill-impieg mal-*Malta Shipyards* u t-talba tiegħu ntlaqgħet f'Settembru tal-2008[6] u b'riħet l-imsemmija skema kien ingħata ħlas ta' tmienja u għoxrin elf mitejn u disgħa u disgħin euro (€ 28,299)[7], flimkien ma' somma oħra ta' tlitt elef sitt mija u sitta u erbgħin euro (€ 3,646)[8] biex tagħmel tajjeb għad-differenza bejn il-ħlas dovut lilu taħt l-iskema li kienet tgħodd għalih – Skema "B" – u l-ftehim li kien intlaħaq bejn il-Union u l-azjenda ftit tal-jiem qabel[9];

"Illi wara li għamel ftit anqas minn xahrejn impjegat ma' ditta privata, fl-1 ta' Lulju, 2009, ir-rikorrent sar persuna li tħaddem lilha nnifisha[10];

"Illi r-rikorrent Lawrence Grech kien miżżewweġ lir-rikorrenti Susan Grech u għandhom tliet ulied ħajjin, it-tliet rikorrenti l-oħrajn, li huma lkoll maġġorenni[11];

"Illi fil-bidu tal-2013, wara li għal xi żmien intebaħ u kien jilmenta minn qtugħ ta' nifs u wġigħ bejn il-kustilji, iddaħħal l-isptar għal osservazzjoni u, wara li saru l-interventi u l-aċċertamenti meħtieġa, ħareġ li kien milqut minn "*mesothelioma*"[12];

"Illi fis-7 ta' Ottubru, 2013, r-rikorrenti fetħu din il-kawża;

"Illi r-rikorrent Lawrence Grech miet testatat fl-età ta' sebgħa u ħamsin (57) sena fl-Isptar *Mater Dei* fis-27 ta' Diċembru, 2014[13], u l-wirt tiegħu hu regolat b'testment "*unica charta*" tas-17 ta' April, 2007. Il-kawża tal-mewt tiegħu kienet "*mesothelioma with metastasis*";

"Illi l-kunsiderazzjonijiet ta' natura legali marbutin mal-każ imressaq mir-rikorrenti jtolbu li l-Qorti tqis l-ilmenti tar-rikorrenti fid-dawl tad-dispożizzjonijiet li jirrigwardawhom. Il-każ tar-rikorrenti jinbena fuq ksur ta' tliet jeddijiet fundamentali tagħhom: (i) dak dwar il-ħarsien għad-dritt għall-ħajja kemm taħt l-artikolu 33 tal-Kostituzzjoni u kif ukoll taħt l-artikolu 2 tal-Konvenzjoni; (ii) dak dwar ħarsien minn trattament inuman jew degradanti, kemm taħt l-artikolu 36 tal-Kostituzzjoni u kif ukoll taħt l-artikolu 3 tal-Konvenzjoni; u (iii) u dak dwar il-ħarsien tal-ħajja privata u tal-familja taħt l-artikolu 8 tal-Konvenzjoni;

"Illi qabel ma tgħaddi biex tqis dawn il-kawżali, il-Qorti jidhrilha xieraq li tqis l-**eċċezzjonijiet preliminari** li dwarhom għadha ma ngħatat l-ebda deċiżjoni u kif ukoll l-**eċċezzjoni ulterjuri** mqajma mill-intimati

[6] Dok "CT3", f'paġġ. 904 – 5 tal-proċess
[7] Dok  "CT1", f'paġġ. 900 – 1 tal-proċess
[8] Dok "CT2", f'paġġ. 902 – 3 tal-proċess
[9] Dok "FK1" f'paġġ. 962 – 8 tal-proċess
[10] Ara d-dokti f'paġġ., 160 sa 172 tal-proċess
[11] Affidavit tar-rikorrenti Maria Susan Grech f'paġġ. 149 – 151 tal-proċess
[12] Ara Dok "RM1", f'paġġ. 6 – 10 tal-proċess
[13] Dok "A", f'paġ. 126 tal-proċess

Tabib Ewlieni (Saħħa Pubblika), Kummissarju tal-Pulizija u Avukat Ġenerali;

"Illi wkoll, ladarba r-rikorrenti ċedew l-atti tal-kawża fil-konfront tal-Awtorità intimata, mhijiex sejra tqis aktar l-ilmenti tagħhom kontriha u lanqas l-eċċezzjonijiet tagħha;

"Illi l-Qorti sejra qabel xejn tqis l-**eċċezzjoni ulterjuri** tal-intimati Tabib Prinċipali (Saħħa Pubblika), Kummissarju tal-Pulizija u Avukat Ġenerali għaliex, jekk kemm-il darba kellha tintlaqa', ma jkunx hemm għalfejn li l-Qorti tgħaddi biex tqis l-eċċezzjonijiet preliminari l-oħrajn u wisq anqas l-azzjoni attriċi fil-mertu;

"Illi bl-imsemmija eċċezzjoni ulterjuri l-intimati jridu li l-Qorti ssib li jonqos fir-rikorrenti l-interess ġuridiku meħtieġ biex imexxu 'l quddiem din l-azzjoni tagħhom, ladarba meta r-rikorrent Lawrence Grech kien aċċetta li jirtira mill-impieg minn ma' Malta Shipyards, huwa ntrabat li jieħu ħlas għas-saldu ta' kull pretensjoni li seta' kellu b'rabta mal-impieg tiegħu. B'dan il-mod, jgħidu li huwa ġie li irrinunzja għal din l-azzjoni tiegħu wkoll;

"Illi l-intimati jsejsu din l-eċċezzjoni fuq dikjarazzjoni li r-rikorrent Lawrence Grech kien iffirma fis-16 ta' Settembru tal-2008[14], li biha kien laqa' l-kumpens maħdum skond l-Iskema ta' Irtirar Kmieni li daħal għaliha meta l-Malta Shipyards kienet qiegħda fil-proċess li tgħaddi għand operaturi oħrajn. F'dik id-dikjarazzjoni kien hemm miktub "*.. .. kull somma ta' flus illi titħallas skond l-iskema tkun finali u jiena ma għandi jedd għal ebda pretensjoni, dritt jew kumpens ieħor in konnessjoni ma' l-impieg tiegħi u mat-terminazzjoni tiegħu (inkluż kwalunkwe dritt għal notice u bonus għal servizz) ħlief biss għall-paga sad-data tat-terminazzjoni ta' l-impieg, il-pensjoni ma' l-egħluq is-56 sena, ħlas għal-leave pendenti u l-bonus statutorju pro rata*";

"Illi r-rikorrenti ma ressqu l-ebda sottomissjoni dwar din l-eċċezzjoni;

"Illi l-Qorti ma jidhrilhiex li l-eċċezzjoni hija tajba. Fl-ewwel lok, din l-eċċezzjoni tintlaqat bil-ġudikat maħluq bis-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tad-29 ta' Mejju, 2015, safejn sabet li r-rikorrenti għandhom il-leġittimazzjoni attiva biex imexxu 'l quddiem din il-kawża. Jekk għandhom leġittimazzjoni attiva, jfisser li għandhom interess ġuridiku li jmexxu 'l quddiem il-kawża. Fit-tieni lok, il-ftehim li sar bejn il-Gvern u l-General Workers' Union dwar il-Privatiżżazzjoni tat-Tarzna fil-5 ta' Settembru, 2008, kien jagħmilha ċara li, minkejja l-iskemi ta' rtirar qabel il-waqt tal-ħaddiema tal-Malta Shipyards, kellhom jibqgħu bla ħsara l-kumpensi mogħtija lill-ħaddiema f'kawżi li seta' kellhom minħabba mard jew danni f'saħħithom kawżati, fost l-oħrajn, mill-kuntatt mal-asbestos[15]. Fil-fehma ta' din il-Qorti, dak il-ftehim kien jixhed li l-fatt li ħaddiem seta' aċċetta kumpens minħabba li jirtira mix-

[14] Ara Dok "CT1", f'paġ. 901 tal-proċess
[15] Klawsola 8 tal-imsemmi ftehim Dok "FK1", f'paġġ. 965 – 6 tal-proċess

xogħol qabel il-waqt ma kienx jagħlaqlu t-triq għal xi jedd ta' kumpens marbut ma' kundizzjoni ta' saħħa jew mard li seta' ġarrab minn jew minħabba l-impieg tiegħu ma' Malta Shipyards jew, qabel, mat-Tarzna ta' Malta. Id-dikjarazzjoni li ffirma r-rikorrent Grech trid tinqara fil-qafas tal-imsemmi ftehim;

"Illi fit-tielet lok, id-dikjarazzjoni nnifisha ffirmata mir-rikorrent Lawrence Grech tagħmilha ċara li l-ħlas għas-saldu kienet minnha nnifisha tinkludi fiha eċċezzjonijiet u li r-rinunzja kienet biss waħda li tidher li hija strettament marbuta ma' ħlasijiet jew *allowances* li l-ħaddiem seta' kien għadu jippretendi sakemm kien dam impjegat. Il-Qorti tqis li ċ-ċirkostanzi maħluqa mill-kawża tallum ma kienu qatt maħsuba fid-dikjarazzjoni iffirmata mir-rikorrent Grech jew mill-ħaddiema l-oħrajn kollha li setgħu iffirmaw waħda bħalha. Huwa prinċipju aċċettat li r-rinunzja għal dritt trid tkun waħda univoka, ċara u espressa, u l-ebda ħaġa msemmija fid-dikjarazzjoni li ffirma r-rikorrent Grech ma tilħaq dak il-grad mistenni mil-liġi biex iwassal lill-Qorti tara li naqas l-interess fl-istess rikorrent li jressaq din il-kawża. B'żieda ma' dan kollu, u kif se' jissemma' aktar 'il quddiem b'rabta mas-sitt talba attriċi, il-Qorti ma tarax kif ir-rikorrent Lawrence Grech seta' qatt irrinunzja fl-2008 għal xi tip ta' azzjoni minħabba l-marda terminal tiegħu jekk, sa bosta snin wara li ffirma dik id-dikjarazzjoni, ma kienx għadu mqar għaddhielu minn moħħu li kien intlaqat mill-effetti ta' dik il-marda. Din hija tabilħaqq, fil-fehma tal-Qorti, ċirkostanza li tneħħi kull possibilità ta' rinunzja espressa dwar l-azzjoni tallum;

"Illi, fil-ħames lok, jekk wieħed kellu jasal b'xi tiġbida biex iqis li Grech kien irrinunzja għall-azzjoni tallum, wieħed ma jifhimx kif dik id-dikjarazzjoni tista' torbot ukoll lir-rikorrenti l-oħrajn li ma' dik id-dikjarazzjoni ma daħlu f'xejn;

"Illi għalhekk, il-Qorti mhijiex sejra tilqa' l-eċċezzjoni ulterjuri tal-intimati u ma ssibx li hija tajba għaliex tqis li r-rikorrenti għandhom interess attwali u ġuridiku biex jistgħu jibqgħu jmexxu 'l quddiem din il-kawża;

"Illi bit-**tielet eċċezzjoni preliminari** tagħhom l-intimati jgħidu li l-ebda wieħed minnhom ma huwa l-kontradittur leġittimu tal-azzjoni attriċi. Huma jisħqu li fid-dawl tal-għamla ta' azzjoni li r-rikorrent fetħu – jiġifieri waħda ta' lment ta' ksur ta' jedd fundamentali – il-kontradittur leġittimu jrid ikun il-kap tad-dipartiment tal-Gvern li taħt is-setgħat tiegħu taqa' l-kwestjoni li minnha joħroġ l-ilment u dan kif jitlob l-artikolu 181B tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Huma jgħidu li l-ilmenti tar-rikorrenti jippuntaw is-swaba' lejn min kien iħaddem lir-rikorrent Lawrence Grech u għalhekk lejn l-ebda wieħed mill-intimati. Imbagħad isemmu l-artikolu 3 tal-Kapitolu 466 tal-Liġijiet ta' Malta u jgħidu li l-kawża messha tressqet kontra dik il-persuna li kellha tkun indikata mill-Gvern għall-għanijiet ta' dak l-artikolu;

"Illi r-rikorrenti lanqas dwar din l-eċċezzjoni ma ressqu xi sottomissjoni;

"Illi l-Qorti tqis li l-kwestjoni ta' min imissu jwieġeb għal ilment ta' ksur ta' jedd fundamentali hija ħaġa meħtieġa u serja. Bla ma toqgħod tidħol f'konsiderazzjonijiet mirquma, il-Qorti ssib li din il-kawża ġġib xebh ma' oħrajn bħalha li kellhom ilmenti wkoll minn ħaddiema jew qrabathom li kienu fl-istess ċirkostanzi tar-rikorrent Lawrence Grech. F'uħud minn dawk il-kawżi wkoll tqajmet eċċezzjoni dwar min kellu jkun il-kontradittur leġittimu ta' azzjoni bħal din;

"Illi l-Qorti rat il-provi mressqa u ssib mill-ewwel li ma ntweriex kif l-intimat Kummissarju tal-Pulizija jista' b'xi mod jitqies bħala l-kontradittur leġittimu tal-azzjoni attriċi. Xhieda mressqin mill-intimati nfushom urew li l-Pulizija qatt ma ddaħħlu f'dan il-każ u lanqas f'każijiet oħrajn ma saru mal-Pulizija rapporti dwar kuntatt ma' asbestos jew biex il-Pulizija jistħarrġu xi lment bħal dan fl-imkien tat-Tarzna u fl-inħawi tal-madwar[16]. Ir-rikorrenti lanqas ma wrew kif l-istess Kummissarju tal-Pulizija jmissu jwieġeb għal xi wieħed mill-ilmenti mressqin minnhom;

"Illi dwar iż-żewġ intimati l-oħrajn il-Qorti tifhimha mod ieħor. Jidhrilha li l-intimat Tabib Ewlieni tal-Gvern ma jistax iwarrab minn fuqu r-responsabbiltà li jilqa' għal uħud mill-premessi tar-rikors li bih ir-rikorrenti fetħu din il-kawża. Hawnhekk il-Qorti tirreferi għal dawk il-premessi li fihom ir-rikorrenti jixlu lill-awtoritajiet sanitarji f'Malta b'nuqqas ta' twissijiet u teħid ta' prekawzjonijiet fuq livell nazzjonali dwar ir-riskji ta' kuntatt mal-asbestos jew l-għabra tiegħu u dan kemm minn min ikun waqt ix-xogħol u kemm b'ħarsien tas-soċjetà in ġenerali. Dawn ix-xiljiet jirrigwardaw lill-intimat Tabib Ewlieni u mhux lill-Avukat Ġenerali. Minbarra dan, l-azzjoni attriċi trid tinftiehem fil-qafas tax-xilja li l-awtoritajiet kompetenti f'Malta naqsu li jieħdu l-miżuri xierqa u f'waqthom biex saħħet in-nies titħares mill-perikli ta' mard, u dan lil hinn minn jekk dawn l-awtoritajiet kinux marbuta f'xi rabta kuntrattwali ta' mpieg mal-istess nies jew mod ieħor. F'dan ir-rigward, uħud mill-premessi li fuqhom jinbena l-każ tar-rikorrenti juru li l-intimat Tabib Prinċipali kien l-awtorità li kellha d-dmir li tagħti pariri lill-Gvern dwar il-miżuri xierqa li messhom ittieħdu (kemm amministrattivi u kif ukoll leġislattivi) biex saħħet il-persuni titħares kif jixraq. Għalhekk, l-imsemmija eċċezzjoni safejn tirrigwarda lill-intimat Tabib Prinċipali ma hijiex tajba[17];

"Illi għal dak li jirrigwarda lill-intimat Avukat Ġenerali, jgħoddu l-istess konsiderazzjonijiet. Uħud mill-premessi tar-rikors promotur huma xiljiet li jippuntaw lejn il-Gvern ta' Malta in ġenerali u fuq medda ta' snin, liema xiljiet ma jweġibx għalihom l-intimat Tabib Ewlieni. Dan jingħad b'mod partikolari dwar xi responsabbiltà li tista' tirriżulta minn

[16] Xhieda ta' WPS M'Grace Sciberras u Loredana Sammut Belli f'paġġ. 922 – 7 tal-proċess
[17] Ara. P.A. Kost JZM **15.9.2015** fil-kawża fl-ismijiet ***Mary Grace Farruġia et vs Tabib Prinċipali tal-Gvern (Saħħa Pubblika) et*** (mhix appellata)

min kien iħaddem lir-rikorrent Grech u li llum irid iwieġeb għalih il-Gvern ta' Malta. Għalhekk, il-Qorti ssib li l-Avukat Ġenerali wkoll huwa kontradittur leġittimu tal-azzjoni attriċi;

"Illi għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti ssib li l-eċċezzjoni hija tajba biss safejn tirrigwarda lill-intimat Kummissarju tal-Pulizija imma mhix tajba safejn tirrigwarda liż-żewġ intimati l-oħrajn it-Tabib Prinċipali (Saħħa Pubblika) u lill-Avukat Ġenerali. Għalhekk, sejra teħles lill-intimat Kummissarju tal-Pulizija mill-ħarsien tal-ġudizzju u tqis liż-żewġ intimati l-oħrajn bħala kontraditturi leġittimi tal-azzjoni attriċi;

"Illi r-**raba' eċċezzjoni preliminari** tgħid li din il-Qorti ma tistax tisma' u tqis l-ilmenti tar-rikorrenti safejn dawn imorru lura għal qabel it-30 ta' April tal-1987 kif jitlob l-artikolu 7 tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta;

"Illi dwar din l-eċċezzjoni, ir-rikorrenti ressqu Nota ta' Riferenzi biex iwaqqgħu l-eċċezzjoni;

"Illi l-imsemmi artikolu 7 jipprovdi li "*L-ebda ksur ta' l-Artikoli 2 sa 18 (inklużi) tal-Konvenzjoni jew ta' l-Artikoli 1 sa 3 (inklużi) ta' l-Ewwel Protokoll jew ta' l-Artikoli 1 sa 5 (inklużi) tas-Seba' Protokoll li jsir qabel l-1 ta' April, 2002 ma għandu jagħti lok għal xi azzjoni taħt l-artikolu 4 ta' dan l-Att*";

"Illi fuq is-saħħa ta' hekk, l-intimati jgħidu li ladarba r-rikorrent beda jaħdem fit-tarzna qabel l-1987, dan ifisser li l-Qorti hija miżmuma mil-liġi li tqis ksur ta' xi jedd fundamentali mħares mill-Konvenzjoni għaż-żmien li l-ksur seta' ġara qabel dik id-data. Huma jisħqu li, minkejja kull tifsira li tista' tingħata minn xi awtorità oħra, id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 7 huma tassattivi u jridu jitfissru kif inhuma;

"Illi l-Qorti tibda biex tgħid li, fid-dawl taċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ, din l-eċċezzjoni għandha siwi x'aktarx akkademiku. Fl-ewwel lok, il-Qorti tqis li wħud mill-ilmenti tar-rikorrenti jissejsu wkoll fuq id-dispożizzjonijiet relattivi tal-Kostituzzjoni, li għalihom l-imsemmi artikolu ma jgħoddx. Safejn, imbagħad, l-azzjoni attriċi tirrigwarda ksur ta' artikoli mħarsa fil-Konvenzjoni dak l-artikolu jrid jinftiehem ukoll kif ġie mfisser mill-Q.E.D.B. u li mhux bilfors jingħata t-tifsira li qari mad-daqqa ta' għajn tiegħu tagħti 'l wieħed x'jifhem[18]. Dan jingħad b'mod partikolari fejn ksur ta' jedd fundamentali jitqies bħala għemil kontinwat jew imtenni. Hawnhekk wieħed qiegħed jitkellem fuq ksur ta' jedd fundamentali li jittenna u mhux biss tal-effetti mtennija ta' ksur li kien sar b'għemil wieħed ta' darba[19];

[18] Ara, f'dan ir-rigward b'eżempju, Q.E.D.B. **8.4.2008** fil-kawża fl-ismijiet ***Bezzina Wettinger et vs Malta*** (Applik. Nru. 15091/06) § 54 u Q.E.D.B. **5.4.2011** fil-kawża fl-ismijiet ***Gera de' Petri Testaferrata Bonici Għaxaq vs Malta*** (Applik. Nru. 26771/07) § 38
[19] Kost. **30.10.2015** fil-kawża fl-ismijiet ***John Formosa et vs Tabib Prinċipali tal-Gvern (Saħħa Pubblika) et*** §§ 36 u 41

"Illi, fit-tieni lok, fil-każ tar-rikorrent Lawrence Grech, ir-rabta tiegħu mal-impieg u mal-kuntatt mal-asbestos mhux qiegħed jingħad li ntemmet qabel it-30 ta' April, 1987. Ir-rikorrenti jgħidu li Grech baqa' jintbagħat jagħmel xogħol abbord li jlaqqgħu ma' ambjenti bl-asbestos sa kważi ftit żmien qabel ma irtira mit-tarzna fl-2008. Ma hemmx dubju għalhekk, li jekk sejjer joħroġ mill-provi li, wkoll wara l-1987, ir-rikorrent baqa' suġġett għal dawk il-kundizzjonijiet, il-fatt li seta' beda 'jitniġġes' bl-asbestos qabel dakinhar, iżda baqa' jsibhom ma' wiċċu wara dakinhar, ma jnaqqas xejn mill-istħarriġ li l-Qorti trid tagħmel u lanqas ma jwaqqaf lill-Qorti milli tista' ssib li seħħ ksur tal-artikoli tal-Konvenzjoni li fuqhom ir-rikorrenti jsejsu l-ilmenti tagħhom[20]. Fit-tielet lok, dawn iċ-ċirkostanzi ma kinux ta' xkiel biex il-Q.E.D.B. tistħarreġ ilmenti ta' din l-għamla li nġabu quddiemha minn Malta f'każijiet bħal dan tallum[21]. Dan ifisser, għalhekk, li jista' jagħti l-każ li t-tħaddim tal-artikolu 7 tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta jaf iwassal biex din il-Qorti tiċħad li tqis l-ilment bil-konsegwenza li l-parti mġarrba jkollha tirrikorri għal azzjoni u ksib ta' rimedju quddiem il-Q.E.D.B.;

"Illi għalhekk il-Qorti ssib li l-imsemmija eċċezzjoni mhijiex sejra tilqagħha bħala raġuni tajba biex ma tistħarriġx ukoll l-ilmenti tar-rikorrenti safejn dawn jinbnew fuq dispożizzjonijiet partikolari tal-Konvenzjoni;

"Illi l-Qorti sejra tgħaddi biex tqis l-ilmenti **fil-mertu tat-talbiet attriċi** u l-**eċċezzjonijiet fil-mertu** dwarhom;

"Illi l-ewwel kawżali tal-azzjoni tar-rikorrenti hija li huma ġarrbu **ksur tal-jedd ta' ħarsien tad-dritt għall-ħajja** (l-ewwel talba attriċi). Huma jibnu dan l-ilment kemm fuq dak li jipprovdi l-artikolu 33 tal-Kostituzzjoni u kif ukoll l-artikolu 2 tal-Konvenzjoni;

"Illi għal dan l-ilment, l-intimati jilqgħu billi jgħidu li huma ma għamlu l-ebda ħaġa bi ħsieb li jġibu l-mewt tar-rikorrent Grech u lanqas kienu b'xi mod jaħtu għal dik il-mewt. Iżidu jgħidu wkoll li jaqa' fuq ir-rikorrenti li juru b'mod tajjeb biżżejjed li l-marda (u issa wkoll il-mewt) tar-rikorrent ġrat minħabba l-kuntatt li huwa kellu mal-asbestos u l-għabra tiegħu fuq il-post tax-xogħol u li ma seħħewx b'xi kawża oħra;

"Illi, safejn rilevanti għall-każ tallum, l-artikolu 33 tal-Kostituzzjoni jipprovdi li "*(1) Ħadd ma jista' jiġi pprivat mill-ħajja tiegħu intenzjonalment ħlief fl-esekuzzjoni tas-sentenza ta' qorti dwar reat kriminali skond il-liġi ta' Malta li tiegħu jkun ġie misjub ħati.*" L-artikolu 2 tal-Konvenzjoni jipprovdi li "*(1) Id-dritt għall-ħajja ta' kulħadd għandu jiġi protett b'liġi. Ħadd ma għandu jiġi privat mill-ħajja tiegħu intenzjonalment ħlief fl-esekuzzjoni tas-sentenza ta' qorti wara li jiġi misjub ħati ta' delitt li dwaru tkun provduta mil-liġi din il-piena*";

[20] ***ibid*** §§44

[21] Q.E.D.B. **24.7.2014** fil-kawża fl-ismijiet ***Brincat et vs Malta*** (Applik. Nru. 60908/11, et) § 86

"Illi għalkemm mad-daqqa t'għajn jidher li t-termini tal-artikolu tal-Konvenzjoni huma usa' minn dawk tal-Kostituzzjoni, ma għandux ikun hemm dubju li t-tnejn li huma ndaqs iħarsu l-jedd għall-ħajja u jistgħu u għandhom jitfissru l-istess[22]. Għalhekk, il-Qorti sejra tqis l-ilment tar-rikorrenti taħt iż-żewġ dispożizzjonijiet flimkien. F'dan ir-rigward, mhijiex se tilqa' s-sottomissjoni tal-intimati li l-artikolu 33 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 2 tal-Konvenzjoni jmisshom jitqiesu kull wieħed għal rasu[23];

"Illi l-artikoli msemmija taħt din il-kawżali jitkellmu dwar il-ħarsien tal-persuna fil-ħajja tiegħu, li huwa meqjus bħala l-ogħla jedd għaliex jolqot il-qalba tat-tgawdija tal-jeddijiet li persuna jista' jkollha u li tista' tgawdihom biss u sakemm għadha ħajja. Huma artikoli li joħolqu kemm obbligazzjoni 'passiva' fuq l-iStat (fis-sens li ma għandu jagħmel xejn biex iġarrab il-ħajja ta' persuna) u kif ukoll obbligazzjoni 'pożittiva' li jwettaq miżuri ta' fejda li jħarsu l-ħajjiet tal-persuni u jinkorporaw ir-regola tal-proporzjonalità stretta[24] li tfisser li jaqa' fuq l-iStat dmir qawwi li jħares b'mod effettiv dak il-jedd u li l-eċċezzjonijiet għalih iridu jkunu eċċezzjonali u preskritti mil-liġi b'mod ċar. Huwa stabbilit li dawn l-obbligazzjonijiet 'pożittivi' jgħoddu wkoll fil-qasam tas-saħħa pubblika u tas-sigurtà pubblika, bl-iStat iwieġeb kemm għal għemejjel jew nuqqasijiet ta' miżuri f'waqthom u ta' fejda f'dan ir-rigward[25]. Minħabba f'hekk, jidħol fis-seħħ l-aspett 'proċedurali' tal-obbligu tal-iStat li jħares ħajjet in-nies u li dan l-obbligu huwa maqtugħ għalih u awtonomu mill-obbligazzjoni sostantiva li taqa' fuq l-iStat f'każ ta' ksur tal-artikolu 2;

"Illi huwa aċċettat ukoll li l-imsemmi artikolu tal-Konvenzjoni jgħodd ukoll fejn, għalkemm ma jkunx hemm telf tal-ħajja, jirriżultaw ċirkostanzi fejn ħajjet il-persuna tkun f'periklu imminenti jew inevitabbli[26];

"Illi f'din il-kawża l-intimati jisħqu li r-rikorrenti ma ġarrbu l-ebda ksur tal-jedd tagħhom taħt dawn l-artikoli minħabba li huma (l-intimati) ma għamlu xejn b'rieda ("xjentement") biex ir-rikorrent Lawrence Grech ġralu li ġralu. Il-Qorti ma taqbilx ma' dan l-argument. Mit-tifsir li ngħata hawn fuq tal-firxa ta' responsabbiltà li l-artikoli relattivi jitfgħu fuq l-iStat, joħroġ ċar li ksur tal-jedd għall-ħarsien tal-ħajja jista' jiġri wkoll fejn l-istess Stat jonqos li jieħu miżuri ta' ħarsien xierqa u f'waqthom li jkunu ta' ġid għal dak il-ħarsien[27]. Dan mela jfisser li t-tħaddim tal-artikoli msemmija jgħodd ukoll meta jkun hemm nuqqasijiet min-naħa tal-awtorità pubblika li ma humiex tabilfors

---

[22] Ara P.A. Kost. LSO **15.1.2015** fil-kawża fl-ismijiet ***Jane Aġius vs Avukat Ġenerali et***

[23] §§ 45 – 8 tan-Nota ta' Sottomissjonijiet f'paġ. 1170 tal-proċess

[24] Ara. Q.E.D.B. (GC) **24.3.2011** fil-kawża fl-ismijiet ***Giuliani & Gaggio vs Italja*** (Applik. Nru. 23458/02) §§ 176 u 209

[25] Q.E.D.B. **13.9.2011** fil-kawża fl-ismijiet ***Trezpalko vs Polonja*** (Applik. Nru. 25124/09) § 23

[26] Q.E.D.B. **9.11.2010** fil-kawża fl-ismijiet ***Krivova vs Ukrajna*** (Applik. Nru. 25732/05) § 45

[27] P.A. Kost. JZM **31.1.2017** fil-kawża fl-ismijiet ***M'Grace Farruġia et vs Tabib Prinċipali tal-Gvern (Saħħa Pubblika) et*** (mhix appellata)

għemejjel pre-meditati jew bil-ħsieb speċifiku li jeqirdu l-ħajja jew is-saħħa ta' dak li jkun. Dan ġie mfisser li jgħodd ukoll fejn l-iStat messu kien jaf li tenħtieġ miżura ta' ħarsien u naqas li jagħmel dan f'waqtu jew b'mod xieraq[28];

"Illi għalhekk, filwaqt li bħala regola l-prova li seħħ ksur tal-artikoli msemmija taqa' fuq min jallegaha u li dan jagħmlu fi grad xieraq ta' ċertezza, jista' jiġri li jkun jaqa' fuq l-iStat li juri li kien ħa l-miżuri xierqa biex jevita li jseħħ tali ksur ladarba l-persuna mġarrba jseħħilha turi li sabet lilha nnifisha f'qagħda li tipperikola ħajjitha jew saħħitha[29];

"Illi l-intimati jressqu l-argument li r-rikorrenti naqsu li jippruvaw – kif inhu mistenni minnhom – li r-rikorrent laqqat il-marda minħabba x-xogħol tiegħu fit-tarzna. Jgħidu wkoll li l-każ tar-rikorrenti ma jirnexxix billi joqogħdu jiċċitaw sentenza mogħtija mill-Q.E.D.B. bħallikieku din kienet teħles lil kulħadd mill-obbligu li jipprova l-każ tiegħu. Iressqu l-argument l-ieħor li ukoll jekk wieħed kellu, għall-grazzja tal-argument, jaċċetta li l-iStat naqas fil-konfront tar-rikorrent Lawrence Grech, żgur ma jistax jingħad li r-rikorrenti l-oħrajn seħħilhom juru kif naqas lilhom b'mod li ġabilhom ksur tal-jedd tagħhom għall-ħarsien tal-ħajja;

"Illi mill-provi mressqa fl-atti tal-kawża, joħroġ li r-rikorrent kien għal żmien twil mogħti jagħmel xogħol fit-tarzna li ġabu f'kuntatt mal-asbestos jew l-għabra tiegħu. Jirriżulta wkoll li r-rikorrent kien persuna b'saħħitha u ma kienx ipejjep. Tressqu xhieda li kienu jaħdmu miegħu li lkoll qalu li r-rikorrent kien jaħdem f'dawk il-kundizzjonijiet li wkoll kienu mqegħdin fihom ħaddiema oħrajn u li, fil-biċċa l-kbira minnhom, kienu wkoll mardu bil-konsegwenzi tal-kuntatt mal-asbestos. Jirriżulta wkoll li l-ordni lil ħaddiema biex jagħmlu xogħol li jġibhom f'kuntatt mal-asbestos kienet waħda sistematika u li min jirrifjuta li jidħol għaliha kienu saħansitra jittieħdu miżuri kontrih mis-superjuri tiegħu. Kien ukoll laħaq għadda ċertu żmien sewwa minn mindu r-rikorrent Lawrence Grech daħal jaħdem it-tarzna, li kien jintbagħat jagħmel xogħol li jġibu f'kuntatt ma' dak il-materja bla ma kien jingħata lbies, ilqugħ jew tagħmir xieraq li seta' jħarsu mill-perikli ta' dak il-kuntatt jew mill-għabra li tidħol fl-imnifsejn;

"Illi ħareġ mill-provi wkoll li ilu żmien magħruf fl-oqsma tax-Xjenza u l-Mediċina xi ħsara jġib għas-saħħa tal-bniedem l-asbestos jew l-għabra tiegħu meta tidħol fil-ġisem man-nifs. Daqstant ieħor, sa minn żmien qabel ma r-rikorrent Grech daħal jaħdem fit-tarzna, kien magħruf ukoll li l-fdalijiet tal-asbestos li jidħlu fil-ġisem ma jitneħħewx u jibqgħu imqabbda fir-rita ta' organi vitali fil-bniedem li jwasslu għall-marda terminali tal-kanċer. Ħareġ ukoll li, minkejja dan l-għarfien, damu ma ttieħdu miżuri effettivi ta' prekawzjoni mill-awtoritajiet kemm biex jitwaqqaf il-kuntatt mal-materjal u kif ukoll biex saru liġijiet u

[28] Ara P.A. Kost. MH **23.11.2016** fil-kawża fl-ismijiet ***George Spiteri et vs Policy Manager tal-Malta Shipyards et*** (mhix appellata)

[29] W A Schabas The European Convention on Human Rights: A Commentary (OUP 2015) pġ. 123

regolamenti li jikkontrollaw l-użu tal-materjal u l-periklu tal-kuntatt miegħu;

"Illi mill-istess provi (li l-intimati bl-ebda mod ma merew) ħareġ ukoll li r-rikorrent Lawrence Grech ħakmitu marda li hija marbuta sfiq ma' l-effetti tal-kuntatt mal-asbestos jew l-għabra tiegħu[30]. Hija marda li sallum għaliha ma hemmx fejqan u lanqas kura u spiċċat biex, f'medda ta' ftit aktar minn sena u nofs, barmet lill-istess rikorrent li ħalliena ftit xhur wara li fetaħ din il-kawża, kif jidher sewwa mill-kawża tal-mewt tiegħu imsemmija fiċ-Ċertifikat tal-Mewt tiegħu. Mill-ħafna provi mressqa f'din il-kawża, ħareġ ukoll li, sakemm dam jiflaħ, ir-rikorrent Grech ma ħadimx f'impiegi li setgħu ġabulu dik il-marda u lanqas kien imdaħħal f'attività li ġabitu f'kuntatt ma' dak il-materjal perikoluż;

"Illi huwa minnu, kif jirrilevaw l-intimati, li r-rikorrent intebaħ bil-marda li ħakmitu xi snin wara li kien temm l-impieg tiegħu mit-tarzna, imma l-Qorti hija tal-fehma li dan ma jaqtax ir-rabta kawżali bejn il-kundizzjonijiet li kien jitqiegħed fihom waqt ix-xogħol tiegħu u l-effetti li wasslu biex, fl-aħħar, il-marda turi s-sintomi tagħha u toħroġ fid-dieher bl-effetti terminali li ġabet magħha;

"Illi meta jinġabru dawn il-kunsiderazzjonijiet flimkien, il-Qorti ssib li toħroġ ċara l-qagħda fejn ir-rikorrent Lawrence Grech u bosta oħrajn bħalu kienu mqiegħdin b'mod sistematiku u għal tul ta' żmien f'kuntatt mal-asbestos jew mal-għabra tiegħu u li dan kien qiegħed iġibilhom ħsara li ma titreġġax lura f'saħħithom bil-mod il-mod. Dan kollu kien qiegħed iseħħ meta l-awtoritajiet f'Malta kienu jafu dwar l-effetti perikolużi ta' dan il-materjal fuq saħħet il-bniedem u li, minkejja dan l-għarfien, ma tnedewx miżuri b'serjetà u f'waqthom li setgħu jrażżnu l-ħsara li kienet qiegħda tiġri, jgħarrfu lin-nies b'mod effettiv b'dik il-ħsara jew iħarsu lil dawk milquta milli jintlaqtu b'effetti hekk radikali f'saħħithom[31];

"Illi f'dan ir-rigward, il-Qorti ssib li r-rikorrenti seħħilhom jippruvaw fi grad xieraq kemm li dak li ġralu r-rikorrent Lawrence Grech kellu rabta diretta mal-kundizzjonijiet tax-xogħol li kien suġġett għalihom b'kuntatt mal-asbestos jew l-għabra tiegħu u kif ukoll li l-intimati, bħala rappreżentanti l-awtorità pubblika, naqsu li jimxu b'għaqal u f'waqtu biex iħarsu lir-rikorrent u lil min kien bħalu bil-għan li jiskansawh milli jiġi fiex ġie;

"Illi l-Qorti ma jidhrilhiex li għandha għalfejn toqgħod tidħol f'eżami b'reqqa ulterjuri ta' kunsiderazzjonijiet marbuta ma' dawn il-provi, għaliex bħall-każ imressaq mir-rikorrenti tressqu bosta oħrajn fil-Qrati Maltin u lkoll kienu jirrigwardaw ħaddiema li kienu jaħdmu fl-istess post tax-xogħol li fih kien jaħdem ir-rikorrent, bejn wieħed u ieħor fl-

---

30 Ara d-dokti "LB1" sa "LB3" f'paġġ. 248 sa 855 tal-proċess

31 P.A. Kost AF **2.10.2018** fil-kawża fl-ismijiet ***Edmond Balzan et vs Tabib Prinċipali tal-Gvern (Saħħa Pubblika) et*** (appellata)

istess żminijiet u li wkoll bħalu nħakmu mill-marda li laqtet lilu[32]. Minbarra dan, il-Q.E.D.B. ukoll sabet ksur tal-jedd dwar il-ħajja f'ċirkostanzi li jixbhu 'l dawk tal-każ tar-rikorrenti Grech u li wkoll kien tressaq quddiemha kemm fejn il-persuna li ressqet l-ilment kienet intlaqtet mill-marda u kif ukoll fejn il-persuna kienet mietet b'riżultat tal-istess marda[33];

"Illi għalhekk il-Qorti tqis li s-sottomissjonijiet magħmula mill-intimati f'dan ir-rigward ma jistgħux jintlaqgħu għaliex ma huwiex minnu li r-rikorrenti naqsu li jippruvaw ix-xiljiet tagħhom jew li straħu biss fuq sottomissjonijiet fl-arja;

"Illi, bl-istess mod, il-Qorti ma ssibx li għandha taċċetta s-sottomissjoni li r-rikorrenti l-oħrajn ma ġarrbux ksur tal-jedd imħares bl-artikolu 33 tal-Kostituzzjoni jew l-artikolu 2 tal-Konvenzjoni. Ladarba r-rikorrent Lawrence Grech miet b'riżultat tal-marda li ħakmitu u fid-dawl tal-fehmiet murija fis-sentenza preliminari li tat din il-Qorti fil-15 ta' April, 2014 (u li, minn dan l-aspett, kienet konfermata mill-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza tagħha tad-29 ta' Mejju, 2015), ladarba r-rikorrenti mart u wlied l-istess Lawrence Grech għandhom leġittimazzjoni attiva in kwantu qrabatu, allura huma wkoll jistgħu jitqiesu li ġarrbu ksur tal-jedd li ġarrab l-imsemmi Lawrence Grech[34];

"Illi fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, il-Qorti tasal għall-fehma li r-rikorrenti tassew ġarrbu ksur tal-jedd tagħhom għall-ħarsien tad-dritt għall-ħajja kif imħares kemm taħt l-artikolu 33 tal-Kostituzzjoni u kif ukoll taħt l-artikolu 2 tal-Konvenzjoni;

"Illi għalhekk il-Qorti sejra tilqa' **l-ewwel talba attriċi** għaliex tirriżulta mistħoqqa u ippruvata kif imiss u tiċħad l-eċċezzjonijiet fil-mertu (is-sitt u d-disa' eċċezzjonijiet) mqajmin kontra dik it-talba;

"Illi għar-rigward tal-ilment tar-rikorrenti li huma ġarrbu ksur tal-**jedd tagħhom li ma jingħatawx trattament inuman jew degradanti** (it-tieni talba attriċi) huma jagħmluha ċara li jsejsu dan l-ilment tagħhom kemm fuq is-saħħa tal-artikolu 36 tal-Kostituzzjoni u kif ukoll tal-artikolu 3 tal-Konvenzjoni;

"Illi l-intimati jilqgħu għal dan l-ilment billi fis-seba' eċċezzjoni tagħhom jiċħdu li huma b'xi mod issuġġettaw lir-rikorrenti għal xi trattament bħal dan. Iżidu jgħidu li lanqas ir-rikorrenti ma taw l-iċken ħjiel ta' x'kien jikkonsisti t-trattament ħażin li jgħidu li ġarrbu;

---

[32] Ara, b'eżempju, P.A. Kost. MCH **27.6.2017** fil-kawża fl-ismijiet ***Anthony Farruġia et vs Tabib Prinċipali tal-Gvern (Saħħa Pubblika) et*** u Kost. **5.10.2018** fil-kawża fl-ismijiet ***Emanuela Caruana et vs Tabib Prinċipali tal-Gvern (Saħħa Pubblika) et***

[33] Q.E.D.B. **24.7.2014** fil-kawża fl-ismijiet ***Brincat et vs Malta*** (Applik. Nru. 60908/11) §§ 81, 101, 105, 110 u 113

[34] Ara, f'dan ir-rigward, Q.E.D.B. **24.7.2014** fil-kawża fl-ismijiet ***Brincat et vs Malta*** (Applik. Nru. 60908/11) § 87

"Illi l-artikolu 36 tal-Kostituzzjoni jgħid li "*(1) Ħadd ma għandu jkun assoġġettat għal piena jew trattament inuman jew degradanti. (2) Ebda ħaġa li hemm fi jew magħmula skond l-awtorità ta' xi liġi ma titqies li tkun inkonsistenti ma' jew bi ksur ta' dan l-artikolu safejn il-liġi in kwestjoni tawtorizza l-għoti ta' xi deskrizzjoni ta' piena li kienet legali f'Malta minnufih qabel il-ġurnata stabilita. ...*". Min-naħa l-oħra, l-artikolu 3 tal-Konvenzjoni jgħid li "*Ħadd ma għandu jkun assoġġettat għal tortura jew għal trattament jew piena inumana jew degradanti*";

"Illi xieraq jingħad li l-imsemmija dispożizzjonijiet jinqdew bi kliem li juri li l-projbizzjoni li xiħadd jittratta lil xiħadd ieħor b'mod inuman jew degradanti hija waħda assoluta (hija mfissra bħala "*an unqualified prohibition*"[35]) u li ma tħallix eċċezzjonijiet jew tiġbid[36]. Huma dispożizzjonijiet li jitfgħu fuq l-Istat ukoll obbligazzjoni pożittiva li jaraw li l-jedd jitħares u mhux biss waħda fejn l-Istat jirrimedja wara li jkun hemm ksur tiegħu. Huwa wkoll minħabba f'hekk li huwa mistenni li l-imġiba li minnha wieħed jilminta trid tkun ta' qawwa jew qilla ta' ċerta gravità u li tkun ippruvata fi grad għoli daqskemm xieraq skond in-natura tal-proċediment li jkun. Huwa aċċettat ukoll li t-'tortura', it-'trattament inuman' u t-'trattament li jbaxxi' 'l dak li jkun huma kunċetti li jirkbu fuq xulxin u mhumiex maqtugħin għal kollox minn xulxin, ladarba huma mġiba mhux xierqa fuq xiħadd li hija differenti minħabba l-grad ta' severità li tintuża, b'tal-ewwel tikkostitwixxi l-għamla l-aktar ħarxa ta' mġiba u tal-aħħar l-għamla l-inqas kiefra;

"Illi kemm dan huwa tabilħaqq hekk, bil-kliem "trattament degradanti" wieħed jifhem "*treatment that humiliates or debases ... Degrading treatment in the sense of article 3 is conduct that 'grossly humiliates', although causing less suffering than torture. The question is whether a person of the applicant's sex, age, health, etc., of normal sensibilities would be grossly humiliated in all the circumstances of the case.*"[37] Hemm differenza wkoll bejn trattament inuman u trattament degradanti. Kull trattament inuman huwa minnu nnifsu wieħed ukoll degradanti, iżda mhux kull trattament degradanti jsir trattament inuman[38], liema trattament "*covers at least such treatment as deliberately causes severe mental and physical suffering*"[39];

"Illi mġiba li twassal lil persuna biex tagħmel xi ħaġa kontra r-rieda jew kontra l-kuxjenza tagħha tista' wkoll titqies bħala trattament degradanti. F'xi każijiet tqies li, flimkien ma' dawn il-kriterji, jkun irid jintwera wkoll li min ikun wettaq l-għemil degradanti jkun għamel dan bil-fehma jew l-intenzjoni li jżeblaħ, iċekken jew jumilja 'l vittma, imma jidher li jkun iżjed għaqli li wieħed iqis it-trattament li jkun ingħata fiċ-

[35] Ara R. Gordon, T Ward & T Eicke The Strasbourg Case Law: Leading Cases from the European Human Rights Reports (Sweet & Maxwell 2001) f'paġ. 117
[36] Kemm hu hekk, ara art. 15 tal-Konvenzjoni
[37] Harris, O'Boyle & Warbrick Law of the European Convention of Human Rights, paġġ. 80 - 1
[38] Kost. **19.2.2008** fil-kawża fl-ismijiet ***Meinrad Calleja vs Kummissarju tal-Pulizija et***
[39] K Reid A Practitioner's Guide to the European Convention on Human Rights (3rd Edit., 2008) §IIB – 416, paġ. 575

ċirkostanzi konkreti tal-persuna li tkun għaddiet minn dak it-trattament u tal-każ li fih ikun iġġarrab[40], għalkemm ma tiddependix lanqas għal kollox fuq dak li suġġettivament tħoss il-persuna mġarrba[41];

"Illi biex iseħħ ksur tal-artikolu 3, it-trattament degradanti jrid jintwera li "gravement ibaxxi lil dak li jkun quddiem ħaddieħor .... u jidher li llum hu ġeneralment aċċettat li biex trattament determinat jaqa' taħt il-komminazzjonijiet tad-dispożizzjonijiet fuq ċitati[42], jeħtieġ ċertu grad ta' gravità"[43], li mingħajru ma jkunx jista' jingħad li seħħ ksur ta' dak il-jedd[44]. Għalhekk, biex trattament jitqies li jkun degradanti, irid jintwera li jmur lil hinn minn sempliċi inkonvenjenza jew disaġju[45];

"Illi b'żieda ma' dan, huwa miżmum ukoll li minħabba li 'trattament degradanti u inuman' huma konċetti astratti, biex tassew jista' jingħad li seħħew iridu "jikkonkretiżżaw neċessarjament f'xi fatt jew fatti materjali" li jkunu ta' ċerta gravità[46] li jitkejlu fuq l-effett li tali trattament ħalla fuq il-persuna li kienet suġġetta għalih[47]. Minbarra dan, jista' jkun il-każ li l-qies dwar jekk imġiba partikolari tkunx waħda li ġġibx ksur tal-imsemmi jedd irid ikun "*judged by the circumstances of the case and the prevalent views of the time .. .. It is clear that the answer to the question whether Article 3 has been violated, although depending on all the circumstances of the case, including such factors as the mental effects on the person concerned, is not entirely dependent on his subjective appreciations and feelings*"[48];

"Illi għal dak li jirrigwarda l-piż tal-prova ta' ksur tal-artikolu 3, jidher li jaqa' fuq min jilminta mill-ksur tal-imsemmi jedd li jressaq prova lil hinn mid-dubju raġonevoli li tabilħaqq ikun seħħ ksur ta' l-imsemmi artikolu[49]. Irid jingħad li din mhijiex fehma li magħha jaqbel kulħadd[50]. Iżda "*such proof may follow from the coexistence of sufficiently strong, clear and concordant inferences or of similar unrebutted presumptions*

[40] Kost. **6.12.1989** fil-kawża fl-ismijiet ***Fenech vs Kummissarju tal-Pulizija*** (Kollez. Vol: **LXXIII.i.239**)
[41] P.A. (Kost.) TM **19.10.2007** fil-kawża fl-ismijiet ***Lawrence Gatt vs L-Onor. Prim Ministru et*** (konfermata fil-Qorti Kostituzzjonali fit-**12.2.2008**)
[42] F'dan il-każ, jiġifieri l-artikolu 36 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 3 tal-Konvenzjoni
[43] Kost. **20.7.1977** fil-kawża fl-ismijiet ***Ġużeppa Galea vs Segretarju tad-Djar et*** (Deċ. Kost. II, Għ.S.L., paġ. 549)
[44] Q.E.D.B. **6.10.2015** fil-kawża fl-ismijiet ***Lecomte vs Ġermanja*** (Applik. Nru. 80442/12) §§ 91 – 2
[45] Kost. **18.11.1989** fil-kawża fl-ismijiet ***Testa vs Attard noe et*** (Kollez. Vol: **LXXIII.i.185)**
[46] Kost. **8.5.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Bonello vs Onor. Prim Ministru et*** (Kollez. Vol; **LXXXV.i.1**)
[47] Kost. **5.4.1991** fil-kawża fl-ismijiet ***Vella vs Kummissarju tal-Pulizija et*** (Kollez. Vol: **LXXV.i.106**)
[48] Van Dijk, van Hoof, van Rijn, Zwaak Theory and Practice of the European Convention on Human Rights (4th Edit, 2006), § 7.3, f'paġġ.412 u 415
[49] Q.E.D.B. **13.6.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Anguelova vs Bulgarija*** (Applik. Nru. 38361/97) § 111
[50] Ara M. Schiavone (Ed.) When Judges Dissent (2008), f'paġġ. 241 – 3

*of fact. The conduct of the parties when evidence is being obtained has to be taken into account"*[51];

"Illi l-qies ta' jekk trattament jaqax fil-parametri tal-artikolu 3 irid isir b'riferenza għaċ-ċirkostanzi kollha tal-każ li jkun fil-qafas tiegħu, magħduda l-mod ta' kif jingħata, it-tul tiegħu, l-effetti fiżiċi u morali li jħallu fuq il-persuna hekk trattata, u ċirkostanzi oħrajn bħas-sess, l-eta` u s-saħħa tal-vittma. Trattament jitqies bħala inuman meta tal-anqas iġib fuq il-vittma tbatija fiżika jew psikika "intensa" mqar jekk mhux akkompanjata bi ġrieħi li jidhru fuq il-ġisem, u jekk "iqajjem f'dak li jkun sentimenti ta' biża', angoxxia u sens ta' inferjorità li jumiljaw u jiddenigraw lil dak li jkun saħansitra sakemm possibilment jabbattu r-reżistenza fiżika jew morali tiegħu"[52]. L-istħarriġ li trid tagħmel il-Qorti dwar jekk it-trattament mogħti jiksirx l-artikolu 3 tal-Konvenzjoni (jew l-artikolu 36 tal-Kostituzzjoni) huwa marbut maż-żmien li l-każ ikun qiegħed quddiemha biex tqis l-ilment[53];

"Illi l-Q.E.D.B. semmiet u senslet ukoll prinċipji dwar il-qies ta' trattament inuman jew degradanti jew ta' tortura f'kawżi li tressqu quddiemha kontra Malta, kemm fejn jolqtu l-kundizzjonijiet ta' persuni miżmuma f'faċilità korrettiva[54] u kif ukoll fil-każ ta' immigranti jew rifuġjati matul iż-żamma tagħhom f'Malta[55]. Sallum[56], il-Qorti ma sabitx riferenzi ta' każijiet ta' trattament inuman jew degradanti fejn jidħlu l-kundizzjonijiet li wieħed jintalab jaħdem taħthom bħala impjegat li, x'aktarx, iqajmu kwestjonijiet ta' ksur ta' jedd ieħor maħsub taħt il-Konvenzjoni, imma mhux dak li fuqu jistrieħu r-rikorrenti f'din il-kawża;

"Illi mill-provi mressqa mir-rikorrenti ħareġ ċar li l-kundizzjonijiet li taħthom kienu jaħdmu hu u sħabu ma kinux mill-aqwa u kienu jġibu magħhom ċerti riskji mhux traskurabbli għal saħħithom. Jidher ukoll li kien hemm il-biżgħa li, jekk wieħed jitkellem jew jiġbed l-attenzjoni tal-awtoritajiet jew tas-superjuri, kien jikxef lilu nnifsu għal miżuri dixxiplinari jew sanzjonijiet oħrajn. Din il-qagħda kienet tqarreb lejn dak li l-liġi tqis bħala vittimiżżazzjoni u t-tħaris li jingħata mill-istess liġi lil min iġarrabha. Tressqet xhieda li turi li r-rikorrent u sħabu kienu jittrattawhom b'ċerta herra;

---

[51] Q.E.D.B. **12.4.2005** fil-kawża fl-ismijiet ***Shamaiev et vs Ġorġja u Russja*** (Applik. Nru. 36378/02) § 338

[52] Kost. **31.10.2014** fil-kawża fl-ismijiet ***Paul Caruana vs Id-Direttur tal-Ħabs et***

[53] Kost. **22.2.2013** fil-kawża fl-ismijiet ***Dilek Sahan et vs Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern et***

[54] Q.E.D.B. **29.10.2015** fil-kawża fl-ismijiet ***Story et vs Malta*** (Applik. Nru. 56854/13) §§ 104 – 6, 115, 119 – 121 u 126

[55] Q.E.D.B. **26.11.2015** fil-kawża fl-ismijiet ***Mahamed Jama vs Malta*** (Applik. Nru. 10290/13) §§ 26 – 9 u Q.E.D.B. **12.1.2016** fil-kawża fl-ismijiet ***Moxamed Ismaaciil et vs Malta*** (Applik. Nru. 52160/13) §§ 78 – 83

[56] Fil-kawża fl-ismijiet ***Mario Vella vs Joseph Bannister noe et*** maqtugħa mill-Qorti Kostituzzjonali fis-**7.3.1994** (Kollez. Vol: **LXXVIII.i.48**) il-kwestjoni dwar it-trattament degradanti u inuman fuq il-post tax-xogħol ma kenitx indirizzata

"Illi l-Qorti qieset b'reqqa l-provi mressqa quddiemha u wkoll il-fatturi u ċ-ċirkostanzi kollha marbutin mal-każ. Madankollu, ma jidhrilhiex li t-trattament li ngħata r-rikorrent Lawrence Grech kien wieħed li jista' jitqies bħala degradanti jew inuman, kif imfisser u maħsub skond il-konsiderazzjonijiet li ssemmew qabel. Huwa minnu li l-kundizzjonijiet tal-impieg li fih tqiegħdu r-rikorrent u sħabu ma kinux dejjem tajbin, imma, kif ingħad, dan waħdu ma jwassalx għal dak il-grad ta' tbatija li jnissel trattament li jikser id-dispożizzjonijiet imsemmija tal-liġi;

"Illi f'dan ir-rigward, il-Qorti taqbel mas-sottomissjoni tal-intimati[57] li l-gravità, it-tbatija, l-inċertezza u l-uġigħ li ġabet magħha l-aħħar marda tar-rikorrent Grech, minkejja l-qilla tagħha, ma kinitx tikkostitwixxi trattament inuman jew degradanti kif tifhmu l-liġi. Żgur ukoll li r-rikorrenti ma wrewx kif l-intimati jistgħu jitqiesu ħatja li taw lir-rikorrenti, jew lil min minnhom, u b'rieda li jagħmlulhom ħsara xi trattament li jsejjes dan l-ilment tagħhom;

"Illi l-Qorti tinnota wkoll li r-rikorrenti ma ressqu l-ebda sottomissjoni f'dan ir-rigward lanqas fis-sottomissjonijiet tagħhom tal-għeluq. Iżżid tgħid ukoll li, sa minn meta r-rikorrent beda jħoss is-sintomi tal-marda li ħakmitu, ingħata t-trattament u l-attenzjoni medika li ċ-ċirkostanzi kienu jippermettu u li dan sar f'istituzzjonijiet tal-iStat. Min-naħa l-oħra, in-natura strettament personali tal-jedd imħares fl-artikolu 36 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 3 tal-Konvenzjoni, ma 'jintiritx' mill-qraba tiegħu, u għalhekk sakemm ir-rikorrenti ma wrewx kif huma nfushom ġarrbu tali trattament, il-Qorti ma tistax issib li ġarrbu ksur ta' dak il-jedd[58];

"Illi għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti ma ssibx li t-tieni talba attriċi hija mistħoqqa u mhux se tilqagħha filwaqt li ser tilqa' s-seba' eċċezzjoni tal-intimati;

"Illi jifdal l-ilment ta' ksur tal-**jedd għall-ħajja privata u l-familja** li r-rikorrenti jressquh taħt żewġ talbiet (it-tielet u r-raba' talbiet attriċi) taħt l-artikolu 8 tal-Konvenzjoni. Fl-ewwel minn dawk iż-żewġ talbiet, ir-rikorrenti jridu li l-Qorti ssib li ġarrbu ksur tal-jedd għar-rispett għall-ħajja privata tagħhom "f'dak li għandu x'jaqsam mal-kwalità tal-ħajja tar-rikorrenti" filwaqt li fit-tieni talba jridu li l-Qorti ssib li ġarrbu ksur tal-jedd għar-rispett għall-ħajja privata "f'dak li għandu x'jaqsam mad-dritt li r-rikorrenti jkunu infurmati dwar il-perikli marbutin mal-asbestos";

"Illi l-intimati jwarrbu dawn it-talbiet (fit-tmien eċċezzjoni) billi jgħidu li mkien ma jitfisser kif u b'liema mod l-iStat indaħal fil-ħajja privata tar-rikorrenti, jew ta' min minnhom, jew kif il-fatt li r-rikorrent kien intlaqat minn marda kiefra jissarraf f'indħil bħal dan;

"Illi l-Qorti tqis li fid-dawl tal-fatt li qieset l-ilment tar-rikorrenti dwar il-ksur tal-jedd għall-ħarsien tal-ħajja u sabet li dak l-ilment kien

[57] Nota ta' Sottomissjonijiet §§80 – 1 f'paġ. 1177 tal-proċess
[58] Ara ***Brincat et vs Malta*** §§ 130 u 132

mistħoqq, u ladarba wkoll ġara li, fiż-żmien li kienet miexja din il-kawża, miet ir-rikorrent Lawrence Grech, ma huwiex il-każ li tistħarreġ dawn iż-żewġ talbiet. Jidher li, f'każijiet fejn persuni milquta mill-marda li ħakmet lir-rikorrent mietu minħabba fiha, il-kunsiderazzjonijiet dwar il-ksur tal-jedd tagħhom għall-ħarsien tal-ħajja jixorbu fihom kunsiderazzjonijiet ta' lment ta' ksur għad-dritt imħares fl-artikolu 8 tal-Konvenzjoni[59];

"Illi għalhekk, il-Qorti sejra tastjeni milli tqis dawn iż-żewġ talbiet attriċi u l-eċċezzjoni fil-mertu dwarhom minħabba l-kunsiderazzjonijiet u s-sejba ta' ksur ta' jedd fundamentali magħmula taħt l-ewwel talba attriċi;

"Illi ladarba l-Qorti sejra tilqa' l-ewwel talba jeħtieġ li tgħaddi biex tqis il-**ħames talba attriċi**. Biha r-rikorrenti jitolbu li l-Qorti tikkwantifika l-kumpens xeraq bħala rimedju għall-ksur stabbilit tal-jeddijiet tagħhom;

"Illi fis-sottomissjonijiet tagħhom, l-intimati jgħidu li r-rimedji li tista' u jmissha tagħti din il-Qorti f'każ li ssib li jkun inkiser xi jedd fundamentali bħal dawk li dwarhom jilmintaw ir-rikorrenti għandhom ikunu rimedji ta' "kumpens għall-ksur tad-dritt fundamentali u mhux danni ċivili għall-opportunità mitlufa" u jwarrbu għal kollox il-pretensjonijiet tar-rikorrenti msejsa fuq id-dispożizzjonijiet tal-kumpens minn azzjonijiet imsejsa fuq id-delitt jew il-kważi-delitt taħt il-Kodiċi Ċivili u fuq il-kejl li s-soltu jitħaddem f'kawżi għad-danni mressqa taħt dawk id-dispożizzjonijiet quddiem il-Qrati ta' kompetenza ċivili;

"Illi l-Qorti tagħraf li l-għoti ta' rimedju għal sejbien ta' ksur ta' jedd fundamentali jrid ikun kompatibbli mal-għamla ta' azzjoni li taħtha r-rimedju jintalab. L-ewwel u l-aqwa rimedju jixraq ikun it-twaqqif tal-ksur li jkun jew il-prevenzjoni ta' ksur li hemm il-biżgħa li jista' jseħħ. Iżda fejn ikun seħħ ksur diġà jew fejn ir-rimedju ma jistax jitwettaq billi jitreġġa' lura l-għemil li jkun ġab tali ksur, irid jingħata kumpens li jneħħi l-effetti tal-ksur u jagħti r-"restitutio in integrum" kemm jista' jkun daqslikieku l-ksur ma seħħx[60]. Ġieli f'xi każijiet, dikjarazzjoni ta' ksur ta' jedd fundamentali titqies biżżejjed. Imma f'każ ta' ksur ta' wħud mill-jeddijiet – bħall-jeddijiet għall-ħarsien paċifiku u t-tgawdija tal-possedimenti, jew fil-każ ta' ksur ta' jedd għall-ħelsien mill-arrest arbitrarju jew illegali – il-kumpens fi flus ikun ir-rimedju l-aktar xieraq li jista' jingħata, għalkemm dan xorta waħda jrid jitqies minn każ għal każ. Il-Qorti temmen li dan jgħodd ukoll għall-każ li għandha quddiemha fejn il-ħsara li seħħet minħabba l-ksur ta' jedd fundamentali li l-Qorti sabet li seħħ – u li wassal għall-mewt tar-rikorrent – ma tistax titreġġa' lura;

---

59 Ara ***Brincat et vs Malta*** §§ 85 u 102

60 Kost. **5.7.2011** fil-kawża fl-ismijiet ***Victor Gatt et vs Avukat Ġenerali et*** paġ. 22

"Illi l-Qorti tqis li ġie stabbilit li hemm tliet (3) "kriterji ċentrali u kumulattivi"[61] li jħarsu l-għamla ta' rimedju li jmissu jingħata f'każ ta' sejbien ta' ksur ta' jedd fundamentali u fejn l-għoti ta' kumpens ikun ir-rimedju xieraq għal tali ksur. Dawn il-kriterji huma: (i) li s-sistema ġuridika ordinarja ma tagħtix rimedju xieraq; (ii) li jkun hemm rabta kawżali bejn il-ksur tal-jedd u t-telf li dwaru jintalab il-kumpens; u (iii) l-aktar f'każijiet fejn titressaq talba għall-ħlas ta' danni mhux pekunjarji (danni morali), irid jirriżulta grad xieraq ta' gravità tat-telf innifsu. Fil-każ ta' dan l-aħħar kriterju, tqies li, f'kawżi fejn jidħlu l-ansjetà u t-tbatija li ma jkunux ta' "gravità eċċezzjonali, m'hijiex ir-regola li jingħata kumpens għad-dann mhux pekunjarji"[62];

"Illi, fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet u wkoll ta' dak li qieset il-Q.E.D.B. fil-każ fuq imsemmi li tressaq quddiemha minn Malta, jingħad li fejn joħroġ ksur tal-artikolu 2 jew 3 tal-Konvenzjoni għandu dejjem jingħata kumpens bħala ħlas ta' danni mhux pekunjarji bħala rimedju[63];

"Illi b'rabta mal-każ li l-Qorti għandha quddiemha llum, iridu jitqiesu wkoll fatturi u ċirkostanzi oħrajn li jistgħu jgħinu biex ikun determinat l-ammont xieraq ta' kumpens u biex, kemm jista' jkun, jintuża kejl konsistenti f'kawżi li jixxiebhu. Fost dawn il-kriterji, wieħed isib (a) it-tul taż-żmien tal-marda li laqtet lir-rikorrent qabel ġie nieqes, (b) l-ansjetà u t-tbatija li ġarrbu l-familjari (ukoll rikorrenti f'dan il-każ) matul l-imsemmija marda, u (ċ) l-età tal-persuna milquta mill-marda, b'mod li aktar ma l-persuna tkun għadha żgħira fl-età, akbar ikun l-ammont ta' kumpens li jingħata bħala dannu morali;

"Illi fil-każ tallum, ir-rikorrent Lawrence Grech miet ta' sebgħa u ħamsin (57) sena u madwar sena u ħdax-il xahar wara li feġġew l-ewwel sintomi tal-marda terminali tiegħu. Dak iż-żmien kien qiegħed jaħdem għal rasu. Sakemm bdew l-ewwel sintomi tal-marda, kien għadu f'saħħtu u jagħmel xogħol li jitlob saħħa u tqandil. Kellu familja bi tliet (3) ulied li kienu għadhom kemm bdew il-ħajja u bdew bil-mod il-mod jieħdu l-istat tagħhom. Ir-rabtiet tal-familja kienu qawwija, kif jidher mill-affidavit-intervista tiegħu[64] u mix-xhieda mogħtija mir-rikorrenti l-oħrajn[65]. Il-ftit xhur li qatta' jissielet mas-sintomi progressivi tal-marda ħalliet tabilfors effett trawmatiku fuq martu r-rikorrenti Susan Grech u t-tliet uliedu, u xejn anqas fuq ir-rikorrent Lawrence Grech li, kif stqarr fix-xhieda tiegħu, il-ħolma waħdanija tiegħu kienet li jara 'l ulied uliedu u jkollu l-opportunità jilgħab magħhom u jgħinhom jagħmlu l-'*homework*'. Sfortunatament dik il-ħolma ma laħaqx

[61] Kost. **5.10.2018** fil-kawża fl-ismijiet ***Anthony Farruġia et vs Tabib Prinċipali tal-Gvern (Saħħa Pubblika) et*** § 15

[62] Ara Kost. **5.10.2018** fil-kawża fl-ismijiet ***Emanuela Caruana et vs Tabib Prinċipali tal-Gvern (Saħħa Pubblika) et*** § 21

[63] Kost. **5.10.2018** fil-kawża fl-ismijiet ***Maria Rosaria Fenech et vs Tabib Prinċipali (Saħħa Pubblika) et*** § 16

[64] Dok "AFF1" f'paġġ. 20 sa 33 tal-proċess

[65] Paġġ 149 sa 193 tal-proċess

wettaqha u dawk l-aktar qrib ta' madwaru ma laħqux tawh dak is-sudisfazzjon;

"Illi wara li ħadet qies ta' dan kollu il-Qorti jidhrilha li għandha tillikwida kumpens mhux pekunjarju dovut lir-rikorrenti f'ishma ndaqs bejniethom fis-somma ta' tletin elf euro (€30,000) u liema somma trid titħallas mill-intimat Tabib Prinċipali tal-Gvern (Saħħa Pubblika) u l-intimat Avukat Ġenerali flimkien u solidalment bejniethom;

"Illi għalhekk, il-Qorti sejra tilqa' l-ħames talba attriċi;

"Illi għar-rigward tas-**sitt talba attriċi** r-rikorrenti jridu li din il-Qorti ssib li l-intimati jaħtu għall-irtirar qabel waqtu tar-rikorrent Lawrence Grech mill-impieg u dan minħabba li kien intlaqat mill-marda terminali wara li kien espost għall-asbestos;

"Illi dwar din it-talba, l-intimati jgħidu l-pretensjoni tar-rikorrenti f'dan ir-rigward hija għal kollox barra minn postha u ma jmisshiex tintlaqa' wkoll għaliex jirriżulta b'mod ċar li r-rikorrent ma spiċċax mix-xogħol tiegħu fit-tarzna minħabba l-kuntatt tiegħu mal-asbestos u l-marda li ġabet magħha.  Fuq kollox, jgħidu wkoll li l-kwantifikazzjoni tal-pretensjoni magħmula mir-rikorrenti fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tagħhom bħala danni materjali (pekunjarji) ma jmisshiex tintlaqa' f'istanza bħal din fejn l-azzjoni tkun imsejsa fuq allegat ksur ta' jedd fundamentali;

"Illi l-Qorti tibda biex tqis li, minn dak li joħroġ mill-atti tal-kawża, r-rikorrent Lawrence Grech kien impjegat ma' Malta Shipyards sal-2008 u kien matul dak iż-żmien fl-impieg li kellu jagħmel ħafna xogħol li ġabu f'kuntatt mal-asbestos.  Dan issemma aktar qabel f'din is-sentenza u ntwera wkoll li l-istess rikorrent kien, safejn jista',  jirreżisti ordnijiet minn ta' fuqu biex jagħmel xogħol li sata' jġibu f'kuntatt ma' dak il-materjal jew l-għabra li toħroġ minnu meta jitqatta' jew jinħadem[66].  Madankollu, għall-finijiet ta' din it-talba speċifika, il-Qorti tqis ukoll li l-ebda wieħed mill-intimati ma kien il-prinċipal tal-imsemmi rikorrent u r-rikorrenti ma wrewx fuq liema raġuni qegħdin jallegaw li l-intimati huma responsabbli għall-irtirar qabel waqtu mill-impieg min-naħa tar-rikorrent.  Mhux hekk biss, imma meta f'Settembru tal-2008 ir-rikorrent Lawrence Grech talab li jidħol fi skema tal-irtirar kmieni mix-xogħol ma kienx għadu qatt għaddielu minn moħħu li kien intlaqat mill-marda qerrieda li ħakmitu għaliex huwa nnifsu xehed li ma kienx qabel Jannar tal-2013 li ntebaħ b'xi sintomi u li kellu konferma tagħhom bl-ewwel eżamijiet mediċi li għamlulu wara dakinhar[67].  Minbarra dan, l-irtirar kmieni mix-xogħol tal-ħaddiema kollha ta' Malta Shipyards, magħdud dak tar-rikorrent Lawrence Grech, seħħ minħabba li l-azjenda kienet ser tagħlaq u tgħaddi f'idejn operaturi oħrajn barranin.  Għalhekk, kemm ir-rikorrent Lawrence Grech u kif

[66] Affidavit tiegħu f'paġġ. 20 – 1 tal-proċess
[67] Ara d-Dokti. "RM1"u "RM2" f'paġġ. 6 sa 13 u l-affidavit tiegħu Dok "AFF1" f'paġġ. 22 – 3 u 25 – 6 tal-proċess

ukoll l-impjegati l-oħrajn kollha ta' Malta Shipyards kellhom itemmu qabel waqtu l-impieg tagħhom u dan seħħ lil hinn minn jekk kinux milquta mill-effetti ta' xogħol f'kuntatt mal-asbestos jew le jew jekk saħħithom kinitx diġà milquta minn dak il-kuntatt;

"Illi, fil-fehma tal-Qorti, kien dan it-tibdil li kienet għaddejja minnu Malta Shipyards li wassal għat-temm qabel waqtu tal-impieg ta' Lawrence Grech u mhux il-kundizzjoni li laqtitu mill-kuntatt tiegħu mal-asbestos u l-għabra tiegħu. Ir-rikorrenti ma ressqu l-ebda prova oħra li tista' tibdel din il-fehma. Il-Qorti jkollha tqis ukoll din it-talba fit-termini li fihom hija mfassla;

"Illi għalhekk il-Qorti mhijiex sejra tilqa' s-sitt talba attriċi ladarba ma nġabux provi tajbin biżżejjed mir-rikorrenti biex tista' tilqagħha;

"Illi ladarba s-sitt talba mhix sejra tintlaqa', lanqas is-**seba' talba attriċi** ma tista' tintlaqa' minħabba li din hija marbuta mat-talba ta' qabilha u tiddependi minnha. Il-pretensjonijiet tar-rikorrenti dwar likwidazzjoni ta' kumpens għal danni reali[68] ma jistgħux lanqas jitqiesu f'din l-istanza u jibqa' bla mittiefes il-jedd tagħhom li jressqu dawn il-pretensjonijiet fi proċeduri oħrajn jekk ikun il-każ;"

## L-Appell

10. Ir-rikorrenti pprezentaw l-appell taghhom permezz ta' rikors datat 28 ta' Novembru, 2018, fejn spjegaw li l-aggravji taghhom fir-rigward tas-sentenza appellata huma tlieta: (a) ma giex likwidat it-telf reali tar-rikorrenti; (b) ma ttiehidx in konsiderazzjoni li Lawrence Grech kellu jirtira qabel iz-zmien mix-xoghol tieghu bhala mastrudaxxa; (c) il-kumpens ta' €30,000 rapprezentanti danni mhux pekunjarji kellu jkun aktar. Ghalhekk huma talbu lil din il-Qorti sabiex, filwaqt li tikkonferma li sehh ksur tal-Artikolu 2 tal-Konvenzjoni u tal-Artikolu 33 tal-Kostituzzjoni:

[68] Ara Nota ta' Sottomissjonijiet Taqsima§§ 12 sa 29 f'paġġ. 1110 – 4 tal-proċess

> "1) tillikwida id-danni reali kollha sofferti mill-applikanti skond il-provi prodotti fil-procedura u skond in-nota riprodotta u annessa bhala Dok. A, tenut kont ukollli it-trapass ta' hames snin sabiex giet deciza din il-procedura hi primarjament attribwibbli lill-intimati u l-appelli maghmulha minnhom;
>
> "2) tawmenta u takkorda lir-rikorrenti kumpens morali lijissupera it-tletin elf euroE30,000."

11. Permezz tar-risposta taghhom tal-5 ta' Dicembru 2018, l-intimati t-Tabib Principali tal-Gvern (Sahha Pubblika) u l-Avukat Generali [l-intimati] qeghdin isostnu li s-sentenza appellata hi tajba u m'ghandhiex tigi mibdula. Dwar it-tlett aggravji mressqa mir-rikorrenti fl-appell taghhom l-intimati jissottomettu: (a) kawza ta' ksur tal-jeddijiet fundamentali tal-bniedem ma setghetx titpogga fl-istess keffa bhal dik ghal danni rizultanti minn ghemil delittwali jew kwazi-delittwali taht il-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta; (b) ma setax jinghata gudizzju fuq dak li seta' jigri fil-futur; (c) l-ewwel Qorti ghamlet ezercizzju sew fil-likwidazzjoni tad-danni morali.

L-Aggravji

*L-ewwel aggravju:* *[ma giex likwidat it-telf reali tar-rikorrenti]*

*It-tieni aggravju:* *[ma ttiehidx in konsiderazzjoni li Lawrence Grech kellu jitlaq xogholu bhala mastrudaxxa]*

12. Il-Qorti ser tghaddi issa sabiex tqies l-ewwel aggravju mressaq mir-rikorrenti. Huma jispjegaw li l-kumpens mitlub minnhom ma kienx dak morali biss, sahansitra dan hu rifless fil-premessi u fit-talbiet li tressqu minnhom u wkoll kellu jigi applikat il-principju ta' *restitutio in integrum*. Isostnu li l-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni ma jillimitax ir-rimedju li tista' taghti l-ewwel Qorti fejn issib ksur tal-jeddijiet fundamentali. Jghidu li l-istruttura tar-rikors taghhom hi bhal dik li giet uzata mill-applikanti kollha f'**Brincat u ohrajn v. Malta** u iccitaw silta mid-decizjoni tal-Qorti Ewropea in sostenn tal-argument taghhom li huma kienu qeghdin jitolbu l-likwidazzjoni tal-kumpens rapprezentanti kemm danni morali u wkoll danni reali.

13. L-intimati min-naha taghhom jghidu li huma jaqblu mar-rikorrenti li qorti ta' kompetenza kostituzzjonali setghet taghti danni morali u wkoll danni materjali izda fejn huma mhux qed jaqblu hu proprju fejn ir-rikorrenti qed jippretendu li jigu likwidati danni pekunjarji skont id-dispozizzjonijiet tad-delitti u l-kwazi-delitti.

14. L-ewwel Qorti mill-ewwel iddecidiet li *"Il-pretensjonijiet tar-rikorrenti dwar likwidazzjoni ta' kumpens ghal danni reali ma jistghux lanqas jitqiesu f'din l-istanza u jibqa' bla mittiefes il-jedd taghhom li jressqu dawn il-pretensjonijiet fi proceduri ohrajn jekk ikun il-kaz.".* Dan sar b'referenza ghal dik il-parti tan-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti

fejn huma jispjegaw x'danni reali huma kienu sofrew bhala konsegwenza tal-marda u l-eventwali mewt ta' Lawrence Grech[69].

15. Din il-Qorti tibda bl-osservazzjoni li l-qrati ta' kompetenza Kostituzzjonali ghandhom is-setgha li jaghtu kwalunkwe rimedju li jikkonsidraw bhala adegwat biex isir ir-*restitutio in integrum*. Ghalhekk mhuwiex korrett li jinghad li d-danni reali rizultanti mill-lezjoni ghandhom bilfors jigu nfittxija fil-qrati ordinarji, ghax jista' jaghti l-kaz li dak ir-rimedju ma jkunx wiehed adegwat. Fil-kaz odjern, ir-rikorrenti jressqu diversi pretensjonijiet dwar telf reali li garrbu rizultat tal-marda li qatlet lir-rikorrent Lawrence Grech. Huma jsostnu li ghandhom dritt ghall-introjtu annwali ta' €11,322.63 ghas-snin 2015 sa 2020 taht l-iskema tal-Irtirat Volontarju mahruga mill-Malta Drydocks; ghat-telf ta' introjtu mahdum fuq is-sena 2012 fl-ammont ta' €12,877 mix-xoghol li l-istess Lawrence Grech kien beda jaghmel ta' mastrudaxxa qabel ma miet; ghall-hlasijiet ta' spejjez li kellhom isiru wara mewtu ghax-xoghol ta' manutenzjoni fid-dar konjugali, li qabel ma hakmitu l-marda kienu jsiru mir-rikorrenti, liema xoghol gie kwantifikat minnhom fl-ammont komplessiv ta' €15,600 u wkoll, ir-rikorrenti Brenda Lee Grech qed tippretendi rifuzjoni tal-ammonti ta' €1,945 u £3,205 rapprezentanti spejjez tat-titjiriet li kellha taghmel u l-*unpaid leave* li kellha tiehu fl-impjieg taghha sabiex tkun tista' izzur lil missierha fl-ahhar stadju ta' hajtu.

[69] A fol. 1110 sa 1114.

16. Rigward il-pretensjoni ghat-telf ta' intorjtu li Lawrence Grech kien jaghmel mix-xoghol tieghu ta' mastrudaxxa wara s-sena 2008, din il-Qorti tosserva li ma jirrizultax li kieku Lawrence Grech ma mietx huwa kien ser jibqa' jaghmel dak ix-xoghol *multa magis* meta rrizulta li kellu l-introjtu mill-iskema fuq indikata. Ghaldaqstant din il-pretensjoni ma tistax tregi.

17. Rigward il-pretensjoni ta' €15,000 spejjes ta' xogholijiet ta' manutenzjoni li skont ir-rikorrenti Susan Grech kien isir minn zewgha li kieku dan ma mietx, il-Qorti tosserva li lanqas din il-pretensjoni ma tista' tregi tenut kont tal-konsiderazzjoni li ma jirrizultax li kieku zewgha kien baqa' haj dak ix-xoghol kien isir minnu.

18. Rigward il-pretensjoni tar-rikorrenti Brenda Lee Grech, din il-Qorti tosserva li ma hemmx ir-rekwizit necessarju tal-kawzalita` bejn dak pretiz minn din ir-rikorrenti u l-marda ta' missierha. Fi kliem iehor ma hemmx in-ness ta' kawzalita` bejn il-fatt li din ir-rikorrenti tghix barra minn Malta u ghalhekk f'certu cirkostanzi jkollha tinzel Malta biex izzur lil familja taghha u l-marda li waslet ghal mewt ta' missierha. Ghall-grazzja tal-argument jigi osservat li din ir-rikorrenti kienet tkun fl-istess pozizzjoni li kieku missierha ma maradx bil-marda in kwistjoni izda safa'

marid b'marda ohra fi stadju ulterjuri ta' hajtu. Ghaldaqstant din il-pretensjoni wkoll ma tistax tregi.

19. Rigward il-pretensjoni ghat-telf rapprezentanti l-introjtu li kellu dritt ghalih Lawrence Grech abbazi tal-Iskema tal-Irtirar Volontarju, din il-Qorti tosserva li hemm elementi ta' prova li jsostnu din il-pretensjoni u jaghmluha wahda valida. Mill-provi jirrizulta li skont dik l-iskema Lawrence Grech kellu jibqa' jircievi ammont annwali sakemm jaqghlaq l-eta` tal-irtirar li fil-kaz tieghu kienet 63 sena, izda hu ma lahaqx ha dak kollu dovut lilu minhabba li miet fl-eta` ta' 57. Ghalhekk din il-Qorti hi sodisfatta li dak li tilef Lawrence Grech minhabba li miet kawza tal-marda, qabel ma ghalaq is-63 sena huwa telf reali li jikkwalifika bhala dannu materjali jew pekunjarju. Skont l-FS3 tas-sena 2014 l-ammont percepit f'dik is-sena taht l-iskema kien ta' €11,322.63 u allura l-ammont globali li kien ikun intitolat ghalih Lawrence Grech li kien jippercepixxi kieku ma safax vittma tal-marda huwa ta' €59,434 rapprezentanti dak dovut lilu ghas-snin 2015 sa 7 ta' Marzu 2020. Dan huwa telf materjali li ntilef mir-rikorrenti minhabba l-marda li hakmitu f'dak l-istadju ta' hajtu kawza tal-esposizzjoni ghal zmien twil ghall-asbestos meta kien jahdem mal-Malta Drydocks.

20. Ghaldaqstant l-ewwel aggravju huwa gustifikat fil-limiti tal-konsiderazzjonijiet premessi, u qed jigi hekk milqugh, filwaqt li tqis it-tieni aggravju mhuwiex gustifikat u qed jigi michud.

*It-tielet aggravju: [il-kumpens mhux pekunjarju kellu jkun aktar]*

21. Ir-rikorrenti jgibu dawn ir-ragunijiet ghaliex il-kumpens ghad-danni morali ghandu jkun aktar minn dak moghti mill-ewwel Qorti: (a) iz-zmien twil li skont l-istatistika x'aktarx kien ser jghix Lawrence Grech kieku baqa' haj; (b) id-dmir tal-Istat li jhares il-principju ta' *good faith* f'kull trattat internazzjoni, inkluza l-Konvenzjoni; (c) il-konsiderazzjoni tal-valur reali tal-livell tal-ghajxien; u (d) l-impatt fuq il-vittmi u wkoll fuq min ikun wettaq il-ksur.

22. L-intimati jghidu li huma ma kinux qeghdin jaqblu li dawn il-fatturi kellhom jigu kkonsidrati fl-ezercizzju tal-likwidazzjoni ta' danni mhux pekunjarji maghmula mill-ewwel Qorti fil-kompetenza kostituzzjonali taghha. Huma jishqu fuq ir-rilevanza f'dan l-ezercizzju ta' dak li garrbu l-vittmi rizultat tal-ksur lamentat u jsemmu diversi fatturi li ttiehdu in konsiderazzjoni mill-ewwel Qorti. Jissottomettu li jidher li l-ewwel Qorti ma kien qabzilha xejn u ghalhekk ma hemmx raguni ghaliex din il-Qorti ghandha titbieghed mill-ammont likwidat. Sahansitra l-ewwel Qorti

kienet ikkonsidrat ukoll il-kumpens moghti f'sentenzi ohra moghtija mill-Qorti Ewropea u mill-istess qorti.

23. Qabel xejn din il-Qorti tosserva li l-ewwel Qorti gharfet li l-principju li ghandu jinghata kumpens bil-ghan li jnehhi l-effetti tal-ksur u jaghti safejn hu possibbli *restitutio in integrum.* Issa fil-kaz in ezami kellha sitwazzjoni li ma setghetx titregga' lura. Qieset li kienu gew stabbiliti tlett *"kriterji centrali u kumulattivi"* li ghandhom jitqiesu fil-konsiderazzjoni tal-ghamla tal-kumpens li ghandu jinghata: (a) is-sistema ordinarja ma taghtix rimedju xieraq; (b) ikun hemm rabta kawzali bejn il-ksur tal-jedd u t-telf li ghalih jintalab kumpens; u (c) jirrizulta f'grad ta' certu gravita` t-telf, l-aktar f'dawk il-kazijiet fejn jintalbu danni mhux pekunjarji. Ikkonsidrat li fejn ikun hemm ksur tal-Artikolu 2 jew 3 tal-Konvenzjoni, ir-rimedju li ghandu jinghata hu dak ta' kumpens ghal danni mhux pekunjarji. Gharfet ukoll li hemm fatturi u cirkostanzi ohrajn li ghandhom jittiehdu in konsiderazzjoni biex jigi stabbilit l-ammont xieraq ta' kumpens tenut ukoll in konsiderazzjoni l-kumpens stabbilit f'kawzi li jixxiebhu. Dawn huma: (a) it-tul taz-zmien tal-marda; (b) l-ansjeta` u t-tbatija tar-rikorrenti matul il-mard; (c) l-eta` tal-vittma fid-data tal-mewt.

24. Osservat is-segwenti fatturi qabel ma waslet ghall-kumpens dovut: [1] li Lawrence Grech miet ta' 57 sena, madwar sena u hdax-il xahar wara li feggew l-ewwel sintomi tal-marda; [2] li dak iz-zmien kien

qed jahdem ghal rasu; [3] li sakemm tfeggew l-ewwel sintomi tal-marda hu kien f'sahhtu u jaghmel xoghol li kien jitlob sahha u tqandil; [4] li kellu familja b'tlett ulied li kienu bilkemm bdew il-hajja u li kienu bil-mod il-mod bdew jiehdu l-istat taghhom; [5] li r-rabta familjari kienet qawwija; [6] li l-ftit xhur li ghamel jissielet mal-marda kellhom effett trawmatiku fuqu u fuq il-familja kollha; u [7] li hu kien ihares lejn il-holma wahdanija tieghu li jara 'l ulied uliedu u jkollu l-opportunita` jilghab maghhom u jghinhom jaghmlu l-*homework.*

25. Fl-ahharnett l-ewwel Qorti ddikjarat li wara li qieset dan kollu kien jidhrilha li l-kumpens pagabbli mill-intimati lir-rikorrenti f'ishma ndaqs bejniethom kellu jkun ta' €30,000.

26. Fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet kollha, din il-Qorti tqies li l-ewwel Qorti ghamlet ezercizzju sew u xieraq sabiex waslet ghall-likwidazzjoni tal-kumpens dovut. Ma jirrizultax li dik il-Qorti fil-konsiderazzjonijiet taghha halliet barra xi kriterju jew xi fattur determinanti u rilevanti u, ghalhekk din il-Qorti taghmel referenza ghall-istess minghjar il-bzonn ta' ripetizzjoni. Din il-Qorti tikkondividi l-apprezzament maghmul mill-ewwel Qorti biex waslet ghall-kumpens likwidat li tqis bhala wiehed xieraq u gust.

27. Issir referenza in propositu ghas-sentenza tal-5 ta' Lulju 2011, fl-ismijiet **Victor Gatt et v. Avukat Generali, u Maltapost plc** (C22796), fejn din il-Qorti ghamlet is-segwenti osservazzjonijiet relevanti f'materja ta' kumpens:

> "Dwar *just satisfaction*, ir-regola hija li meta l-Qorti ssib li hemm vjolazzjoni, sa fejn hu possibbli, l-istat ghandu jipprovdi ghal *restitutio in integrum*. Meta dan ma jkunx possibbli jew inkella jkun biss parzjalment possibili l-Qorti ghandha taghti *just satisfaction*. Id-decizjoni li d-dikjarazzjoni ta' vjolazzjoni wahedha tkun bizzejjed hija l-eccezzjoni u ghandha tkun riservata ghal kazijiet fejn hemm rimedju jew konsegwenzi huma zghar. Fil-kazijiet l-ohra fejn il-lezjoni hija aktar serja l-Qorti ghandha taghti kumpens pekunjarju ghal dik il-vjolazzjoni.
>
> "…
>
> "Kif inghad fis-sentenza *Amato Gauci v. Malta* deciza fil-15 ta' Settembru 2009, "*Under Article 41 of the Convention the purpose of awarding sums by way of just satisfaction is to provide reparation solely for damage suffered by those concerned to the extent that such events constitute a consequence of the violation that cannot otherwise be remedied* (ibid., § 249). ……..( para 80)."

28. Illum, u minhabba l-fattispecie tal-kaz odjern, din il-Qorti taqbel mar-rikorrenti illi ma tistax ma tiehux konjizzjoni tas-sentenza recenti tal-Qorti ta' Strasburgu **Brincat and others v Malta**[70] fejn, filwaqt li tat tifsira aktar wiesa' tal-portata tar-rimedju "pekunjarju" mitlub fil-proceduri f'Malta f'dak il-kaz, gie riaffermat li fil-kazijiet ta' lezjoni tal-Artikoli 2 u 3 u possibilment, f'cirkostanzi applikabbli, tal-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni, ghandu dejjem ikun possibli bhala rimedju l-hlas ta' danni mhux pekunjarji.

---

70 *Supra.*

29. Din il-Qorti tissenjala illi c-cirkostanzi ta' dak il-kaz u wkoll tal-kawza fl-ismijiet **Mary Grace Farrugia et v. Tabib Principali tal-Gvern et** deciza fil-31 ta' Jannar, 2017, mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) citati fir-rikors tal-appell, u wkoll dawk tal-kazijiet l-ohra citati mill-intimati fir-risposta taghhom, jixbhu sew dawk tal-kaz odjern fil-mertu centrali taghhom u fl-elementi li huma relevanti sabiex tigi stabbilita lezjoni lamentata u d-dritt ghal kumpens ghal danni mhux pekunjarju. Dan jinghad ghaliex fiz-zewg kazijiet, il-vittmi kienu kollha esposti ghall-asbestos fuq il-post tax-xoghol taghhom mal-Malta Drydocks, u lkoll mietu b'kondizzjonijiet li kienu kagun tal-espozizzjoni kontinwa taghhom ghal asbestos. Fil-fehma kkonsidrata ta' din il-Qorti, huma dawn il-kriterji, maghdud maghhom ukoll it-tul taz-zmien tal-marda li sofrew qabel ma' mietu, u l-ansjeta` u s-sofferenza tal-familjari tal-vittma kif ukoll, sa certu punt, l-eta` tal-vittma, li huma relevanti biex jigi likwidat kumpens ghal danni non-pekunjarji lill-eredi tal-vittmi. Inoltre, din il-Qorti taqbel li anke fil-kaz odjern fil-komputazzjoni tal-*quantum* tal-kumpens dovut lir-rikorrenti ghandu jittiehed kont tar-relattivita` ma' kazijiet ohra simili gja' decizi.

30. Din il-Qorti thoss li huwa importanti li jigi spjegat u senjalat li l-fattur tal-eta` tal-mewt tal-vittma ghandu piz qawwi fil-komputazzjoni tal-kumpens, ghax ghandu jirrizulta car li, hemm differenza kbira fil-kaz fejn il-marda qerrieda tkun hakmet persuna f'eta` relattivament zghira bhal

nghidu ahna 60 sena circa u meta l-marda tkun hakmitu meta l-persuna tkun qabzet is-70 sena. Meta l-vittma jkun gie privat minn hajtu f'eta` relattivament zghira, il-familjari tieghu jkunu gew privati mill-prezenza u mill-kumpanija tieghu ghal numru ta' snin li kieku ma hakmitux il-marda, u din il-Qorti tqies li dan hu proprju l-kaz ta' Lawrence Grech li miet ta' eta` pjuttost xejn avvanzata ta' 57 sena.

31. Fattur iehor li fil-fehma ta' din il-Qorti ghandu jigi senjalat fil-komputazzjoni tal-kumpens huwa t-tul taz-zmien li matulu l-vittma damet isofri mill-marda, f'liema perijodu wkoll il-familjari tieghu jkunu sofrew ansjeta` u dwejjaq meta raw lill-vittma jbati minhabba l-marda sakemm miet. F'dan il-kaz il-Qorti tosserva li r-rikorrenti martu Maria Susan Grech fix-xhieda taghha moghtija permezz tal-affidavit[71] xehdet fit-tul dwar it-tragedja li kienet laqtet lill-familja taghha u l-konsegwenzi estremi fuq is-sahha tar-ragel taghha Lawrence Grech u fuqhom ukoll sahansitra wara l-mewt tieghu. L-istess xehdu t-tfal tieghu r-rikorrenti l-ohra Alison Bonnici nee' Grech[72], Brenda Lee Grech[73] u Jacob Grech[74].

32. Ghalkemm din il-Qorti tqis li huwa minnu li kull kaz ghandu jigi analizzat minn lenti individwali u fuq il-merti partikolari tieghu, madankollu hija daqstant relevanti l-konsiderazzjoni ta' uniformita` fid-

---

71 A fol. 149.
72 A fol. 175.
73 A fol. 184.
74 A fol. 235.

decizjonijiet ta' kazijiet analogi kif osservat l-ewwel Qorti fis-sentenza appellata, u dan fl-interess tal-ahjar amministrazzjoni tal-gustizzja kif ukoll sabiex din il-Qorti ma taghtix lok hija stess ghal ilmenti ohrajn ta' natura kostituzzjonali. Dan ma jfissirx li l-Qorti ma tistax tiddeciedi mod iehor mill-gurisprudenza lokali jew tal-Qorti ta' Strasburgu in materja, jekk tasal biex temmen illi fil-kaz partikolari quddiemha, ma ghandhomx jigu applikati l-konsiderazzjonijiet maghmulin f'sentenzi ohrajn precedenti fl-istess materja, anke ghaliex kif inhuwa risaput, il-qrati Maltin ma humiex marbutin bil-principju ta' *stare decisis*. Fir-rigward, din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza taghha fl-ismijiet **Igino Trapani Galea Feriol pro et noe v. Kummissarju tal-Artijiet et** deciza fil-31 ta' Ottubru 2014, fejn f'materja ta' komputazzjoni ta' kumpens ghal lezjoni ta' dritt fundamentali sancit fl-artikolu konvenzjonali fuq citat gie osservat:-

> "Rigward il-quantum tal-kumpens stabbilit mill-ewwel Qorti, din il-Qorti tosserva fl-ewwel lok li kull kaz ghandu jigi trattat u deciz fuq il-fattispecie tieghu. Barra minn hekk, jekk il-Qorti Ewropeja hasset li f'certi kazijiet kellha taghti kumpens f'ammont inferjuri ghal dak li nghata lir-rikorrenti mill-ewwel Qorti, ma jfissirx li allura l-qrati maltin tilfu l-awtonomija taghhom b'mod li bilfors kumpens li jinghata ikun f'ammont vicin dak li taghti l-Qorti Ewropeja."

33. Madanakollu, huwa pacifiku wkoll illi l-qrati Maltin ma jiskartawx facilment il-gurisprudenza tal-Qorti Ewropea, specjalment meta jkunu qeghdin jittrattaw lezjoni taht il-Konvenzjoni, wisq anqas ma jiskartaw gurisprudenza lokali in materja fejn jigi stabbilit illi l-fattispecie tal-kazijiet ikunu analogi. Din il-Qorti tirreferi ghall-kaz ta' ***Andrew Psaila***, deciz

b'sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili [Sede Kostitizzjonali][75], li wkoll miet kawza tal-espozizzjoni tieghu ghall-asbestos fuq il-lant tax-xoghol tieghu. Senjatament, il-vittma kien miet fi zmien qasir wara d-dijanjosi ta' marda assocjata mal-asbestos. Il-Qorti tinnota wkoll illi fil-kaz ta' Andrew Psaila, ghalkemm dan il-vittma kien miet meta kien ghadu impjegat mal-Malta Drydocks fis-sena 1980 fl-eta` ta' 60 sena, il-Qorti llikwidat kumpens ghal danni mhux pekunjarju fis-somma ta' €30,000, cioe` somma identika ghal dik likwidata fil-kaz ta' Attard fid-decizjoni **Brincat and others v. Malta**. Il-Qorti mmotivat id-decizjoni taghha fil-kaz ta' Andrew Psaila, kif gej:-

> "Ghal dak li jirrigwarda *non pecuniary damages,* din il-Qorti sejra toqghod fuq il-linji traccjati fil-kaz ta` Brincat. Hemm fost l-applikanti kien hemm l-eredi ta` haddiem kunjomu Attard li miet b`kancer attribwit ghall-esposizzjoni mill-asbestos. Attard miet fl-2006 fl-eta` ta` 61 sena. Fil-kaz tal-lum Psaila miet fl-1988 fl-eta` ta` 60 sena. Il-Qorti sejra tillikwida kumpens fl-ammont ta` €30,000 ghall-vjolazzjoni tal-Art 2 tal-Konvenzjoni u ghall-Art 33 tal-Kostituzzjoni sabiex jinqasam indaqs bejn kull wiehed u wahda bejn l-erba` rikorrenti."

34. Kif diga' nghad, jirrizulta li l-ewwel Qorti hadet in konsiderazzjoni d-diversi fatturi rilevanti sabiex waslet ghal-likwidazzjoni tad-danni morali li akkordat lir-rikorrenti, u wkoll imxiet mal-hsieb ta' din il-Qorti fir-rigward tal-quantum stabbilit. Ghalekk, din il-Qorti ma tarax raguni valida li ghaliha ghandha tiddisturba l-apprezzament ragjonevoli maghmul mill-ewwel Qorti fir-rigward.

[75] **Mary Grace Farrugia et v. Tabib Principali tal-Gvern (Sahha Pubblika)** – deciza 31 ta' Jannar 2017.

35. Ferm il-premess, din il-Qorti hija tal-fehma illi l-aggravju tar-rikorrenti mhux gustifikat u qed jigi michud.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti tiddisponi mill-appell tar-rikorrenti billi tilqghu kif ser jinghad: billi mal-kumpens non pekunjarju ta' tletin elf euro [€30,000] izzid kumpens pekunjarju fl-ammont ta' disgha u hamsin elf, erba' mija erbgha u tletin euro [€59,434] biex b'hekk il-kumpens globali li l-intimati ghandhom ihallsu lir-rikorrenti flimkien huwa ta' disgha u tmenin elf, erba' mija erbgha u tletin euro [€89,434] u tordna li l-intimati *in solidum* ihallsu dan l-ammont lir-rikorrenti.

L-ispejjez tal-ewwel istanza jibqghu kif decizi, filwaqt li dawk tal-appell ikunu a kariku tar-rikorrenti flimkien in kwantu ghal zewg terzi [2/3] filwaqt li r-rimanenti terz [1/3] ikun a kariku tal-intimati flimkien.

Fl-ahharnett il-qorti taghraf illi hija sitwazzjoni anomala meta qorti ta' gurisdizzjoni kostituzzjonali jkollha taghmel ezercizzju ta' likwidazzjoni ta' danni civili li, kif sewwa osservat l-ewwel Qorti, ghandu jkun proprjament fil-kompetenza ta' qorti ta' guridizzjoni ordinarja. Dan huwa dovut ghad-dispozizzjoni tal-Art. 1045 tal-Kodici Civili dwar kif jitqiesu d-danni *ex delicto vel quasi*, li tippermetti lill-qorti ta' gurisdizzjoni ordinarja

li taghti danni morali f'cirkostanzi limitati biss li ma jinkludux kazijiet bhal dak tallum. Din il-Qorti hija tal-fehma illi jkun ghaqli li din id-dispozizzjoni tigi riveduta biex ma jibqax mehtieġ li ssir dikjarazzjoni illi l-istat huwa hati ta' ksur ta' drittijiet fundamentali biex ikun jista' jinghata rimedju xieraq f'kazijiet bhal dak tallum, li proprjament kellu jkun kaz regolat bil-ligi ordinarja li mhux ghax il-ligi ordinarja ma taghtix danni morali. Il-qorti ghalhekk sejra tordna li din is-sentenza tintbaghat mir-registratur lill-i*Speaker* tal-Kamra tad-Deputati ghall-ghanijiet tal-Art. 242 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili.

| | | |
|---|---|---|
| Joseph Azzopardi<br>Prim Imhallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imhallef | Noel Cuschieri<br>Imhallef |

Deputat Registratur
rm